



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0239/2011

22.6.2011

RAPPORT

dwar il-futur tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali
(2009/2222(INI))

Komitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Proinsias De Rossa

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	19
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI.....	24
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	28
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI	32
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI	35
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	40

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-futur tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali (2009/2222(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 3(3) tiegħu, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 9, 14, 106, 151, 153(1)(j) u (k), 159, 160, 161 u 345 tiegħu, u l-Protokoll 26 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 36 tagħha¹,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità li ġiet konkluża mill-Komunità Ewropea fis-26 ta' Novembru 2009²,
- wara li kkunsidra r-Regolament Nru. 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar u servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq³,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu⁴,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1098/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar is-Sena Ewropea għall-Għieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010)⁵,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bl-isem 'L-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta' Liżbona: Is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea' (COM (2006) 177 finali) u d-dokument ta' ħidma li jakkumpanjahha tal-istaff tal-Kummissjoni dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea (SEC(2006)0516),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bl-isem "Servizzi ta' interess ġenerali, inklużi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali: impenn Ewropew ġdid" (COM(2007)0725),
- wara li kkunsidra d-dokumenti ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni bl-isem 'Mistoqsijiet li spiss isiru dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna Statali fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil impriżi fdati bit-tħaddim tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, u l-Qafas Komunitarju għall-għajnuna Statali fil-forma ta' kumpens

¹ ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.

² ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.

³ ĠU L 315, 3.12.2007.

⁴ ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36-68.

⁵ ĠU L 298, 07.11.2008, p. 20-29.

għal servizz pubbliku' (SEC(2007)1516) u 'Mistoqsijiet li spiss isiru dwar l-applikazzjoni tar-regoli għall-akkwisti pubbliċi għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali' (SEC(2007)1514),

- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni (SEC(2010)1545) bit-titlu "Gwida dwar l-applikazzjoni għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, u b'mod partikolari għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, tar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku' u s-suq intern' SEC(2010)1545),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu 'Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020) u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar din il-komunikazzjoni¹,
- wara li kkunsidra l-ewwel 'Rapport Biennali dwar is-Servizzi Soċjali ta' interess ġenerali' tal-Kummissjoni (SEC(2008)2179) u t-tieni 'Rapport Biennali dwar is-Servizzi Soċjali ta' interess ġenerali' (SEC(2010)1284)²,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-Inklużjoni Attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol (C(2008))5737³,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju (COM(2010)0549), kif ukoll id-dokument ta' ħidma tal-istaff li jakkumpanjaha (SEC(2010)1166),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titlu 'Lejn Att dwar is-Suq Uniku – Għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna" (COM(2010)0608),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu 'Lejn funzjonament aħjar tas-Suq Uniku għas-servizzi - nibnu fuq ir-riżultati tal-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi' (COM(2011)0020) u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SEC(2011)0102) dwar il-proċess ta' valutazzjoni reċiproka tad-Direttiva dwar is-Servizzi,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu '**Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi**' (COM(2011)0011 finali),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Andor dwar id-dispożizzjonijiet soċjali tat-Trattat ta' Liżbona⁴,
- wara li kkunsidra r-rapport ta' Monti tad-9 ta' Mejju 2010 dwar 'Strateġija ġdida għas-Suq Uniku għas-servizz tal-Ekonomija u s-Soċjetà Ewropea'⁵,
- wara li kkunsidra r-'Rapport dwar l-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji għall-SSGI'

1. Testi adottati, P7_TA-PROV(2010)0223.

2. Dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanja lil COM(2008)0418 - Rapport Biennali dwar is-Servizzi Soċjali ta' interess ġenerali.

3. „

4. Dibattiti plenarji, l-Erbgħa, 6 ta' Ottubru – Brussell, punt 13, dispożizzjonijiet soċjali ta' Liżbona

5. Rapport lill-President tal-Kummissjoni Ewropea minn Mario Monti, 9 ta' Mejju 2010.

imħejji mill-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali fl-2008¹,

- wara li kkunsidra r-rapport bit-titlu ‘Qafas Ewropew Volontarju għall-Kwalità għas-servizzi soċjali’ imħejji mill-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali fl-2010²,
- wara li kkunsidra r-‘Rapport konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2010’ imħejji mill-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali fl-2010³,
- wara li kkunsidra r-rapport bit-titlu Evalwazzjoni tad-Dimensjoni Soċjali tal-Istrateġija Ewropa 2020 imħejji mill-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali fl-2011,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Forums għas-Servizzi Soċjali ta’ Interess Ġenerali li saru f’Liżbona f’Settembru 2007, f’Pariġi f’Ottubru 2008 u fi Brussell f’Ottubru 2010⁴,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kunsill EPSCO tal-16 u t-17 ta’ Diċembru 2008, 8 u 9 ta’ Ġunju 2009 u 6 u 7 ta’ Diċembru 2010⁵,
- wara li kkunsidra s-sentenzi li ġejjin tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja:
 - tad-19 ta’ April 2007 fil-każ C-295/05 *Tragsa*,
 - tat-18 ta’ Diċembru 2007 fil-każ C-532/03, *Il-Kummissjoni vs l-Irlanda* (Is-Servizzi tas-Salvataġġ Irlandiżi),
 - tat-13 ta’ November 2008 fil-każ C-324/07 *Coditel Brabant*,
 - tad-9 ta’ Ġunju 2009 fil-każ C-480/06, *Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* (Stadtwerke Hamburg),
 - tal-10 ta’ Settembru 2009 fil-każ C-206/08 *Eurawasser*,
 - tad-9 ta’ Ottubru 2009 fil-każ C-573/07 *Sea S.r.l.*,
 - tal-15 ta’ Ottubru 2009 fil-każ C-196/08, *Acoset*,
 - tal-15 ta’ Ottubru 2009 fil-każ C-275/08, *Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* (Datenzentrale Baden-Württemberg),
 - tal-25 ta’ Marzu 2010 fil-każ C-451/08 *Helmut Müller*,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tas-6 ta’ Diċembru 2006 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem ‘L-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta’ Lizbona⁶: Is-servizzi soċjali ta’ interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea’,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta’ Settembru 2006 dwar Mudell Soċjali Ewropew għall-futur⁷,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta’ Settembru 2006 dwar il-White Paper tal-Kummissjoni dwar servizzi ta’ interess ġenerali⁸,

¹. Kunsill tal-UE, 16062/08, ADDI, 20 ta’ Novembru 2008.

². SPC/2010/10/8 finali.

³. Kunsill tal-UE, 6500/10, 15 ta’ Frar 2010.

⁴ l-1 Forum ta’ Servizzi Soċjali ta’ Interess Ġenerali, 17 ta’ Settembru 2007, Lisbona, Presidenza Portugiża, -it-2 Forum ta’ Servizzi Soċjali ta’ Interess Ġenerali (SSGI), 28 u 29 ta’ Ottubru 2008, Presidenza Franċiża, - it-3 Forum ta’ Servizzi Soċjali ta’ Interess Ġenerali (SSGI), 26 u 27 ta’ Ottubru, Brussell, Presidenza Belġjana

⁵. Kunsill tal-UE 6624/11, SOC 135, ECOFIN 76, SAN 30 tat-18 ta’ Frar 2011.

⁶. Laqgħa tal-Kunsill, Brussell, 16 u ta’ 17 Diċembru 2008, Servizzi Soċjali ta’ Interess Ġenerali, p. 18.

⁷. Opinjoni CdR 181/2006 fin fuq COM(2006)0177. ĠU C 305E, 14.12.2006, p. 141..

⁸. ĠU C 306E, 15.12.2006, p.277.

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni ta' l-14 ta' Marzu 2007 dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea¹,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal, fl-UE²,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 dwar l-Ekonomija Soċjali³,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol⁴,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar żviluppi ġodda fl-akkwisti pubbliċi⁵,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni bil-Miktub 84/2010 dwar l-istabbiliment ta' Statuti Ewropej għas-soċjetajiet mutwi, l-assoċjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet,
 - wara li kkunsidra r-risultati tal-Istħarriġiet Eurofound dwar il-Kwalità tal-Ħajja tal-2003 u l-2007⁶,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0239/2011),
- A. billi l-Artikolu 3 TUE jafferma li l-oġettiv tal-Istati Membri hu t-titjib kostanti tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, u l-oġettiv tal-Unjoni bħala l-benessri tal-popli tagħha, li għandhom jinkisbu permezz tal-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa msejjes fuq tkabbir ekonomiku ekwibrat, ekonomija soċjali tas-suq altament kompetittiva, orjentata fuq l-appoġġ tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u li timmira lejn l-okkupazzjoni sħiħa u l-progress soċjali, il-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, it-taqbida kontra l-esklużjoni soċjali, id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza fl-aċċess għall-kura tas-saħħa, il-promozzjoni tal-ġustizzja u l-ħarsien soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tal-jeddijiet tal-minuri,
- B. billi l-Artikolu 9 tat-TFUE jistipola li meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti konnessi mal-promozzjoni ta' livell għoli tal-impjiegi, il-garanzija tal-protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-esklużjoni **soċjali**, u livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem,

¹. ĠUC 301E, 13.12.2007, p.140.

². ĠUC 9E, 15.1.2010, p.11.

³. ĠUC 76E, 25.3.2010, p.16.

⁴ Testi adottati,

⁵. Testi adottati, P7_

⁶ <http://www.eurofound.europa.eu/surveys/eqls/2007/index.htm>.

- C. billi l-Artikolu 14 tat-TFUE u l-Protokoll 26 tiegħu espliċitament jindirizzaw is-servizzi ta' interess ġenerali (SGI) li jinkludu s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali (SSGI); u billi huwa kkonfermat li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom ir-rwol essenzjali u diskrezzjoni wiesgħa fil-ġhoti, l-ikkummissjonar u l-organizzar tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI), u li t-Trattati ma jaffettwawx il-kompetenza tal-Istati Membri li jagħtu, jikkummissjonaw u jorganizzaw is-servizzi non-ekonomiċi ta' interess ġenerali (SGNEI),
- D. billi l-aċċess għas-servizzi ta' interess ġenerali huwa dritt fundamentali inkluż mad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali rikonossuti fid-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,
- E. billi l-ġhoti ta' SSGI universalment disponibbli, ta' kwalità għolja, aċċessibbli u li kulħadd jiflaħ iħallas għalihom kif miftiehem fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2007 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali għalhekk jista' jitqies bħala pilastru essenzjali tal-mudell soċjali Ewropew u bħala s-sies għal kwalità tajba tal-ħajja u għall-ksib tal-oġettivi dwar l-impjegi, dawk soċjali u ekonomiċi tal-UE,
- F. billi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, u b'mod partikolari l-aċċess għas-servizzi għall-kura tat-tfal, tal-anzjani u ta' dipendenti oħrajn, huma essenzjali biex ikun hemm parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u tal-irġiel fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u t-taħriġ,
- G. billi s-segregazzjoni bejn is-sessi fis-servizzi soċjali, kemm dik settorjali u okkupazzjonali, tħalli impatt negattiv fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-livell tal-pagi u billi x-xogħol domestiku u x-xogħol tal-kura tat-tfal u tal-anzjani mingħajr ħlas fil-parti l-kbira tiegħu jitwettaq min-nisa,
- H. billi l-espansjoni tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali kienet forza qawwija biex tattira aktar nisa jidħlu fis-suq tax-xogħol,
- I. billi l-Artikoli 4(2) u 5(3) tat-TUE jħaddnu s-sussidjarjetà f'livell lokali, jagħtu rikonossiment formali lill-awto-gvern reġjonali u lokali u billi l-Artikolu 1 tal-Protokoll 26 tat-TFUE jirrikonossu r-rwol essenzjali u d-diskrezzjoni wiesgħa tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali li jipprovdu, jikkummissjonaw u jorganizzaw servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali li jkunu l-aktar mfassla speċifikament kemm jista' jkun possibbli għall-ħtiġijiet tal-utenti,

Id-drittijiet fundamentali u l-universalità

1. Iqis li l-SSGI, l-utenti u l-fornituri tagħhom għandhom għadd ta' karatteristiċi speċjali oltre l-karatteristiċi komuni tal-SGI; l-SSGI, kif definiti mill-Istati Membri, jħaddnu servizzi statutorji u servizzi ta' skemi ta' sigurtà soċjali komplementari u li huma universalment disponibbli, mogħtijin direttament lill-persuna, bl-iskop li jsewdu l-kwalità tal-ħajja ta' kulħadd; għandhom rwol preventiv, ta' koeżjoni soċjali u ta' inklużjoni u jsawru jeddijiet soċjali fundamentali kif previst fil-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;
2. Jirrikonossu li, fil-każ tal-SSGI, jeżistu żewġ fatturi kuntrastanti li jridu jirrikonċiljaw

ruħhom: fuq naħa, il-prinċipju tas-sussidjarjetà li jħares il-libertà nazzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi li jiddefinixxu, jorganizzaw u jiffinanzjaw l-SSGI kif jidhrilhom xieraq, flimkien mal-prinċipju tal-proporzjonalità, u fuq in-naħa l-oħra, ir-responsabilità tal-Komunità u l-Istati Membri għall-oqsma rispettivi tagħhom ta' kompetenza skont it-Trattat;

3. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex iżommu d-disponibilità ta' servizzi soċjali li jkunu għall-but ta' kulħadd u ta' kwalità għolja l-istess bħal f'matul perjodi ta' tkabbir ekonomiku mgħaġġel, u sabiex jiggarrantixxu aċċess mhux diskriminatorju u mingħajr ma jingħata kont ta' razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età, orjentament sesswali jew kundizzjonijiet ta' xogħol; iqis li s-servizzi soċjali huma fundamentali biex tkun żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri peress li flimkien mas-servizzi tas-saħħa u l-faċilitajiet għall-kura tat-tfal, dawn jirrappreżentaw wieħed mill-elementi ewlenin fl-isforzi biex jizjeddu r-rati ta' impjeg tan-nisa u tal-ugwaljanza b'mod ġenerali;
4. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali, kif ukoll il-prospetti ekonomiċi tal-ġejjieni ma jitħallewx jipperikolaw l-iżvilupp tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, peress li dan jista' jkun ta' ħsara għat-tkabbir ekonomiku fit-tul fl-UE, għaż-żieda tal-kontribuzzjonijiet fiskali u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
5. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu valutazzjoni tal-impatt tal-ġeneru għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali varji u jiżguraw li l-valutazzjoni tal-attivitajiet proposti tal-UE minn perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi ssir proċess regolari u trasparenti b'riżultati li jidhru, u li l-perspettiva tal-ġeneru tiġi inkluża fil-baġit għall-programmi u l-politiki kollha nazzjonali u tal-UE; jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tinkludi fir-rapporti ta' monitoraġġ tagħha l-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
6. Jistieden lill-Istati Membri sabiex fil-politiki mmirati sabiex jiksbu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja, jiżguraw id-disponibilità ta' forom diversifikati ta' servizzi ta' kura tat-tfal li jkunu aċċessibbli, ta' kwalità għolja u bi prezz raġonevoli, kif deskritt fl-oġettivi ta' Barċellona, u sabiex itejbu l-provvista ta' servizzi ta' kura għall-anzjani u persuni dipendenti bħala pass essenzjali lejn ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa, billi s-servizzi ta' kura tat-tfal mhux biss jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, iżda joffru wkoll opportunitajiet ta' xogħol; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni li tirrikonoxxi l-ħaddiema domestiċi u lil dawk li jipprovdu servizzi ta' kura għall-anzjani u t-tfal mingħajr ħlas, li spiss huma nisa, u li għandhom rwol importanti ħafna għas-sostenibilità tas-sistemi soċjali;
7. Jisħaq li n-natura tal-interess ġenerali ta' servizz soċjali ma tiddependix fuq il-qasam tiegħu iżda fuq il-mod kif jiġi provdut f'termimi ta' varjetà ta' fatturi bħalma huma l-istatus ta' bla profitt u n-nuqqas ta' għażla tal-benefiċjarji;
8. Jenfasizza li fir-rigward tal-SSGI, il-prinċipju ta' sussidjarjetà għandu jipprevali fuq ir-regoli tas-suq intern;
9. Jenfasizza li bi prinċipju, il-kompetenza għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar it-tfassil, il-finanzjament u l-provvista ta' servizzi soċjali ta' interess ġenerali (SSGI) għandha tkun tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali; il-Parlament Ewropew jirrispetta u jappoġġja dan il-prinċipju u jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jimxu ma' din l-attitudni;

10. Jenfasizza li sabiex l-SSIĠ jwettqu r-rwol tagħhom, l-aċċess għalihom m'għandux ikun biss għal persuni żvantaġġati jew vulnerabbli, iżda għandhom ikunu aċċessibbli universalment u indipendentement mir-rekkezzi jew dħul, filwaqt li jiżguraw aċċess ekwu għall-persuni l-aktar vulnerabbli, skont il-liġijiet u l-prattika tal-Istati Membri;
11. Jenfasizza li n-natura tal-SSIĠ li hi fundamentalment waħda inklużiva u ta' strutturar tikkontribwixxi b'mod rilevanti, utli u effikaċi għall-iżvilupp tar-reġjuni kollha billi tiffaċilita lill-Istat u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li jwettqu r-rwol tagħhom bl-użu tal-finanzjament pubbliku u privat; iqis li hu ta' importanza partikolarment importanti li jinżammu f'reġjuni rurali u vulnerabbli u jenfasizza wkoll ir-rwol kruċjali tal-SSIĠ fil-limitazzjoni tar-riskji ta' segregazzjoni ta' komunitajiet marġinalizzati u fratturati;
12. Jenfasizza li l-SSGI fil-biċċa l-kbira huma ffinanzjati mill-Istati Membri minħabba li primarjament jaqgħu fil-kompetenza tagħhom; madankollu, iqis li l-Unjoni Ewropea tista' taqdi rwol importanti u tgħin lill-Istati Membri fil-modernizzazzjoni u fl-aġġustament tagħhom għal kundizzjonijiet ġodda, u possibbilment tingħata vuċi lill-ħtiġijiet taċ-ċittadini fir-rigward tal-kwalità u l-ambitu tas-servizzi;
13. Jenfasizza l-importanza li ssir b'urġenza evalwazzjoni tal-konsegwenzi soċjali u tal-impatt fuq il-ħajja tan-nies tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni f'setturi li huma essenzjali għall-progress soċjali (it-trasport, l-enerġija, l-ilma, is-servizzi postali, it-telekomunikazzjoni, eċċ.) u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex ma tippermetti li jittieħdu ebda miżuri ta' liberalizzazzjoni oħra qabel ma tiġi ppreżentata din l-evalwazzjoni;
14. Jisħaq li huwa importanti li tiġi msaħħa d-dimensjoni soċjali tas-suq uniku u tiġi kkunsidrata aħjar in-natura speċjali tal-SSGI, b'enfasi fuq approċċ pragmatiku li permezz tiegħu l-aċċessibilità, l-universalità, l-ekwità, il-kwalità u l-effiċjenza ta' tali servizzi jitqiesu bħala prijorità;
15. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rakkomandazzjoni fir-rapport Monti li s-servizzi ta' broadband internet u bankarji għandhom ikunu rikonnoxxuti fil-leġiżlazzjoni Ewropea bħala servizzi li l-Istati Membri jistgħu jiżguraw, ikunu disponibbli universalment u aċċessibbli għal kulħadd;

Il-kontribut ekonomiku

16. Filwaqt li jenfasizza l-fatt li l-SSGI m'għandhomx ikunu definiti mill-impatt ekonomiku tagħhom, jinnota t-tieni Rapport Biennali tal-Kummissjoni u jikkonferma li l-SSGI jagħtu kontribut ekonomiku maġġuri f'termini ta' impjieg, attività ekonomika u kapaċità ta' akkwist, u li s-settur tas-saħħa u tas-servizzi soċjali jammonta għal 5% tal-produzzjoni ekonomika u jimpjega 21.4 miljun ruħ; jinnota li l-s-CEEP fir-rapport tagħha "Mapping of public services" tikkonferma wkoll li attivitajiet ta' saħħa u attivitajiet soċjali jammontaw għal 9.6 % tal-forza tax-xogħol tal-UE u għal 9.4% tal-PGD; jinnota li l-Istħarriġ fuq il-Forza tax-Xogħol tal-2008 juri li 79% tal-forza tax-xogħol fis-servizzi tas-saħħa tal-bniedem, 81% fis-servizzi ta' kura residenzjali u 83% fl-attivitajiet ta' ħidma soċjali mhux residenzjali, kienu nisa; jinnota wkoll li korp rappreżentattiv tal-SMEs, il-UEAPME, huwa tal-fehma li l-SMEs jeħtieġu SSGI li jkunu ta' kwalità għolja u effiċjenti sabiex joperaw b'mod li jirnexxi; jistieden lill-Istati Membri sabiex jikkunsidraw ukoll prinċipji ta' ugwaljanza bejn is-sessi; jinnota li l-promozzjoni ta' swieq tax-xogħol inklużivi, il-

prevenzjoni u r-riabilitazzjoni, għandhom iwasslu għal iffrankar fl-infiq u jtejbu l-kwalità fir-riżultati fuq *medda* twila ta' żmien;

17. Jenfasizza li l-SSGI jikkontribwixxu għall-eżerċitar tad-drittijiet taċ-ċittadini u għandhom l-iskop li jgħolqu koeżjoni soċjali, territorjali u ekonomika permezz tat-twettiq ta' diversi forom ta' solidarjetà kollettiva;
18. Jisħaq li l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom rwol fundamentali fid-definizzjoni, il-finanzjament, il-ġoti u l-attribuzzjoni tal-SSGI fil-qafas tas-servizz soċjali u sistemi ta' ħarsien soċjali ta' Stat Membru: huwa stmat li l-gvern lokali u reġjonali jiswa 15.9% tal-GPD tal-UE-27, waqt li l-gvern lokali waħdu jammonta għal 12.9% u n-nefqa tiegħu fuq il-ħarsien soċjali tammonta għal 3% tal-PGD (EUR 378.1 biljun);
19. Jemmen li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom jestendu l-applikazzjoni ta' Sħubiji Pubbliċi-Privati għall-qasam tal-SSIĠ sabiex tiżdied l-effiċjenza u disponibbiltà tagħhom.

Il-kontribuzzjoni soċjali

20. Jindika li l-Istħarriġiet tal-Eurofound dwar il-Kwalità tal-Ħajja¹ vverifikaw li wieħed mill-aktar mezz importanti ta' kif titjieb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini, b'mod li tkun permessa l-inklużjoni sħiħa fis-soċjetà u li jkun hemm il-koeżjoni soċjali u territorjali, huwa permezz tal-ġoti u l-iżvilupp tal-SGI inklużi l-SSGI; jenfasizza li s-SSGI huma pilastru kruċjali tal-mudell soċjali Ewropew, billi jagħmlu parti mill-mod kif inhum organizzati s-soċjetajiet Ewropej u billi l-iskop tagħhom huwa li jinkisbu l-oġettivi tal-politika soċjali, hekk li jagħmlu l-jeddijiet soċjali tanġibbli għall-individwi u l-gruppi, bosta drabi permezz tas-sistemi ta' sigurtà soċjali ta' Stat Membru;
21. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu riveduti l-politiki ta' liberalizzazzjoni sabiex issir promozzjoni favur politika ta' progress soċjali li tiżgura l-aċċess universali għal servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, filwaqt li jiġu kkunsidrati b'mod speċjali l-gruppi żvantaġġati, bħall-ommijiet xebbiet, in-nisa, l-anzjani, it-tfal, il-migranti u dawk li għandhom xi tip ta' diżabilità;
22. Jenfasizza li mhux xieraq li l-fondi pubbliċi allokatil lill-SSGI jintużaw għal xi raġuni oħra għajr dik li jilhq u l-oġettivi tas-servizz, u l-ebda parti minn tali fondi, għajr għal spejjeż tal-istaff u spejjeż ġenerali raġonevoli oħra involuti fil-provvista tas-servizz, m'għandha tmur għal xi skop ieħor; huwa tal-fehma li l-oġettiv leġittimu tal-massimizzazzjoni tal-profitti li huwa l-bażi tal-provvista kummerċjali privata tas-servizzi kummerċjali jikkunfliġġi b'mod mhux aċċettabbli mal-prinċipji u l-oġettivi tal-SSGI; huwa tal-fehma li fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri jagħżlu li jużaw forniment ta' SSGI indiretti, l-interess ġenerali għandu jitħares, u li filwaqt li dawn jiżguraw il-kwalità, l-innovazzjoni, l-effiċjenza u effettività fin-nefqa, għandhom jappoġġjaw intrapriżi tal-ekonomija soċjali fejn kwalunkwe surplus jiġi investit mill-ġdid fis-servizz u fl-innovazzjoni, u jikkurraġihom sabiex joperaw bħala fornituri;

¹Eurofound - Quality of Life Surveys

<http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef09108.htm>.

23. Jenfasizza r-rwol tradizzjonali tal-istat bħala fornitur tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, madankollu jqis li l-ftuħ ta' dan is-settur għal fornituri privati tas-servizzi jtejjeb l-aċċessibilità u l-kwalità tas-servizzi u jżid l-għażla għall-konsumaturi;
24. Isostni mill-ġdid l-impenn tiegħu għal SSGI moderni u ta' kwalità għolja, li huma mezz sabiex jiġu implimentati ħafna mill-valuri inkorporati fil-proġett Ewropew, bħall-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-dinjità umana, kif ukoll il-prinċipji ta' aċċessibilità, is-servizz universali, l-effiċjenza, il-ġestjoni ekonomika tar-riżorsi, il-kontinwità, il-prossimità mal-utenti tas-servizz u t-trasparenza;

Limitazzjonijiet regolatorji fil-provvista tal-SSGI

25. Jisħaq li l-awtoritajiet nazzjonali, regionali u lokali mdaħħlin fil-għoti tal-SSGI jew fil-għoti tal-mandati dwarhom jeħtieġu bażi ġuridika ċara għas-servizzi u l-infiq tagħhom, u li għad li s-servizz ta' tagħrif u kjarfiki u l-gwida ppubblikata reċentement mill-Kummissjoni huma milqugħin tajjeb ħafna, fl-istess waqt ma jipprovdex iċ-ċertezza ġuridika meħtieġa u dan għandu tendenza li jfixxkel lill-fornituri ta' SSGI fit-twettiq tal-missjoni tagħhom;
26. Jenfasizza li l-awtoritajiet nazzjonali u lokali għandhom ir-responsabbiltà li jiggarrantixxu l-funzjonament korrett tal-SSGI, filwaqt li jinżamm livell ta' kwalità għoli;
27. Iqis li la huwa effiċjenti u lanqas demokratikament aċċettabbli li l-interpretazzjoni leġislattiva attwali tirriżulta filli l-QEĠ kontinwament tintalab tiġġudika dwar il-limiti tar-regoli tas-suq uniku rigward SGI, inklużi SSGI, li hija indikazzjoni ċara ta' nuqqas ta' ċertezza legali; jindika d-djalogu bejn il-partijiet interessati dwar din il-kwistjoni li ilu għaddej ħafna, u jistieden lill-Kummissjoni biex finalment tieħu azzjoni;

Il-politika ekonomika u baġitarja

28. Jisħaq li s-SSGI huma investment indispensabbli għall-futur ekonomiku tal-Ewropa, u jinsabu taħt pressjoni kbira fuq mill-Istati Membri b'riżultat tal-kriżijiet ekonomiċi u bankarji u l-programmi ta' awsterità governattiva, li qed iwasslu għal domanda akbar għalihom; l-SSGI kienu indispensabbli bħala stabbilizzaturi awtomatiċi soċjoekonomiċi matul dawn il-kriżijiet – speċjalment permezz tas-sistemi ta' sigurtà soċjali;
29. Jenfasizza li l-ħtieġa tas-SSGI qed tikber kostantament minħabba l-klima attwali ta' inċertezza fir-rigward tat-tkabbir u l-impjiegi, filwaqt li t-tibdil demografiku qed joħloq ħtiġijiet ġodda; jenfasizza li l-isfida ewlenija tal-mument għall-għotja tas-SSGI hi li jitħarsu l-kwalità u l-ambitu tagħhom u, minħabba l-importanza u n-neċessità assoluta tagħhom, tali servizzi hemm bżonn li jissaħħu sabiex jiġi żgurat li jwettqu r-rwol importanti tagħhom biex jilħqu l-miri soċjali u ekonomiċi tal-UE 2020 għall-impjeg u t-tnaqqis tal-faqar;
30. Jindika li l-kriżi ekonomika u dik finanzjarja u l-politiki ta' awsterità imposti mill-Istati Membri m'għandhomx jinkoraġġixxu n-nuqqas ta' investment fis-SSGI iżda, għall-kuntrarju, minħabba l-importanza u n-natura assoluta tagħhom, tali servizzi għandhom jiġu kkonsolidati sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tan-nies;

31. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jiffaċilitaw l-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali għal nisa fil-bżonn jew li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni, u għal nisa li sfaw vittmi ta' vjolenza tal-ġeneru, f'kull ċirkostanza u speċjalment meta dawn ikollhom tfal dipendenti;
32. Jinnota l-bżonn li jingħata rikonossiment akbar lix-xogħol imwettaq minn persuni impjegati fis-settur tas-servizzi soċjali, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, peress li x-xogħol tagħhom hu diffiċli u jitlob attitudni sensittiva u impenn personali qawwi u mhux soċjalment prestiġjuż ħafna;
33. Iqis li l-prinċipju tas-solidarjetà u t-tiżiħ tal-Unjoni Ewropea jirrikjedju li l-kriżi, bit-tkabbir li qed iġġib fil-qgħad u l-faqar, għandha tkun indirizzata permezz ta' użu aktar effiċjenti u effikaċi tal-infiq fil-livell tal-UE u fil-livelli nazzjonali, bit-tiżiħ tal-fond strutturali u, b'mod partikolari, tal-Fond Soċjali Ewropew, u l-applikazzjoni ta' riżorsi ġodda bħalma huma l-bonds ta' proġetti;
34. Jemmen li sabiex jiġi garantit l-għoti ta' SSGI ta' kwalità għolja hemm bżonn li l-gvernijiet tal-Istati Membri jiżguraw qafas finanzjarju għas-SSGI, li jiggarrantixxi l-kontinwità tas-servizzi u l-finanzjament stabbli, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol u taħriġ deċenti għal dawk impjegati jew dawk li jgħinu fl-għotja tas-servizzi;
35. Jenfasizza wkoll li t-trasferimenti kollha ta' kompetenzi fuq l-SSGI mill-Istati Membri lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jeħtieġ l-introduzzjoni ta' arranġament ta' koordinazzjoni, biex jiġi evitat kwalunkwe differenza fil-kwalità tas-servizzi pprovduti fl-oqsma differenti, u għandu jkun akkumpanjat mit-trasferiment tar-riżorsi meħtieġa biex jiġi żgurat li jibqa' jkun hemm provvista kontinwa ta' servizzi ta' kwalità għolja, aċċessibbli universalment u li tista' twieġeb b'mod effikaċi għad-drittijiet u għall-ħtiġijiet tal-utenti;
36. Iqis li, jekk mhux biss sabiex jinżamm l-għoti ta' SSGI ta' kwalità, l-Istati Membri għandhom bżonn ta' dħul ġdid, u jistieden lill-Kummissjoni biex tipproduċi malajr studju tal-fattibilità ibbażat fuq id-deċiżjoniji tal-Kapijiet ta' Stati Ewropej tal- 11 ta' Marzu 2011¹;

Nuqqasijiet fil-qafas regolatorju tal-SSGI

Ġenerali

37. Jemmen li hemm konsensus Ewropew wiesa' li l-SSGI huma essenzjali għall-benessri tal-popli tagħna u għal ekonomija effiċjenti u filwaqt li kien hemm xi progress fl-indirizzar tad-diffikultajiet li jaffaċjaw il-fornituri waqt l-għoti u l-iżvilupp ta' SSGI għall-applikazzjoni tar-regoli tal-UE għal-servizzi bħal dawn, s'issa ma hemm l-ebda qbil la fil-Kummissjoni u fil-Kunsill u lanqas bejniethom dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri prattiċi ħalli jегħlbu l-ostakli identifikati mill-partijiet interessati;
38. Jenfasizza li t-Trattat jikkommetti lill-Unjoni u lill-Istati membri sabiex jiżviluppaw ekonomija soċjali u tas-suq u li jinżamm il-mudell soċjali Ewropew; jisħaq dwar il-fatt li

¹ . Il-Konklużjonijiet tal-Kapijiet tal-Isat jew Gvern taż-żona Ewro tal-11 ta' Marzu 2011.

l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali għandhom ikunu liberi li jiddeċiedu kif l-SSGI għandhom ikunu ffinanzjati u mogħtijin, hux direttament jew mod ieħor, bl-użu tal-istrumenti disponibbli kollha u speċjalment alternattivi biex jintefgħu l-offerti ħalli jkun żgurat li l-oġettivi soċjali tal-Unjoni ma jisfawx dgħajfin minħabba r-regoli tas-suq uniku applikati għal servizz mhux tas-suq; jenfasizza l-bżonn ta' ambjent ta' appoġġ li jippromwovi l-kwalità, l-aċċessibilita, l-affordabilita u l-effiċjenza tal-forniment tas-servizzi, filwaqt li jiffaċilita l-iżvilupp ta' fornituri ta' kapaċità ta' inizjattiva li tippermettilhom jantiċipaw il-bżonnijiet pubbliċi;

39. Jenfasizza li l-kwalità tas-servizzi għandha tkun ibbażata fuq konsultazzjoni regolari u integrata tal-utenti peress li s-servizzi għandhom l-ewwel u qabel kollox iwiegħbu għall-ħtiġijiet tagħhom;
40. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrispettaw id-diversità tal-metodi tal-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-SSGIs, tar-riżorsi tagħhom u tal-metodi ta' finanzjament ta' dawn is-servizzi; jistieden lill-Istati Membri biex ireġġgħu lura r- 'riforimi' li istituzzjonalizzaw mudelli bbażati fuq is-suq ta' provvediment tal-ġid, bl-obbligi ta' kompetizzjoni u offerti, u biex titwaqqaf il-promozzjoni ta' sħubijiet pubbliċi u privati jew l-esternalizzazzjoni tas-servizzi soċjali għas-settur privat peress li dawn huma strateġiji qarrieqa għall- 'immodernizzar' tas-servizzi soċjali; jikkunsidra li l-promozzjoni tal-interess ġenerali u l-iżgurar tal-provvista ta' servizzi effiċjenti u ta' kwalità għolja mis-settur pubbliku u t- 'tiolet' settur mhux għal profitt jew l-ekonomija soċjali hija l-aktar strateġija xierqa biex tiżgura servizzi soċjali ta' kwalità għolja, integrati u inklussivi;
41. Jinnota d-Dikjarazzjoni bil-Miktub 84/2010 dwar l-istabbiliment ta' Statuti Ewropej għal soċjetajiet mutwi, assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet u l-ħtieġa ta' għarfien akbar għal atturi soċjali ekonomiċi, inklużi mudelli bħal koperattivi, li huma attivi fl-għoti ta' SSGI u l-organizzazzjoni u l-funzjinament tal-ekonomija soċjali, jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi meħtieġa abbażi tal-valutazzjonijiet tal-impatt fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, biex tintroduċi proposti għall-istatuti Ewropej għall-assoċjazzjonijiet li jippermettulghom joperaw fuq bażi transnazzjonali;

L-ghajjnuna tal-Istat

42. Jilqa' r-reviżjoni tal-ghajjnuna Statali li l-Kummissarju Almunia wettaq u jitlob kjarfiki tal-prinċipji fundamentali dwar il-kontroll tal-ghajjnuna Statali sabiex tisserdaq iċ-ċertezza u t-trasparenza għal ċarezza ta' kunċetti bħalma huma "l-att ta' affidibilita" u "awroritajiet pubbliċi"; għall-introduzzjoni ta' differenzazzjoni tar-regoli; għall-kalkolu tal-kumpens tal-obbligi tas-servizz pubbliku, kalkolu tal-kumpens li għandu jikkunsidra wkoll il-kriterji soċjali, tal-karatteristiċi speċifiċi tal-provvista tas-servizzi u ta' ċertu numri ta' aspetti esterni assoċjati mal-provvista tas-servizzi, bħall-valur soċjali miżjud u l-involviment tal-komunita;
43. Jilqa' l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-impatt tal-pakkett tal-2005 Monti Kroes; jitlob li ssir reviżjoni tal-pakkett sabiex tissaħħaħ is-sikurezza legali, jiġu simplifikati r-regoli bħalma huma dawk dwar kontroll u kumpens żejjed għall-operaturi ta' SSGI fil-livell lokali u tittejjeb il-flessibilita fl-applikazzjoni tagħhom, u titqies l-espansjoni tal-lista ta' derogi għal notifiki b'konformita mal-eżempji tal-isptarijiet u l-akkomodazzjoni soċjali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tevalwa mill-ġdid il-livell xieraq tal-minimu de minimis

applikabbli għall-SSGI u biex tipproponi sistema li tikkunsidra l-PGD ta' Stat Membru fil-kalkolu tal-minimu de minimis, sabiex ikun jista' jiġi kkalkolat minimu de minimis għal kull Stat Membru u b'hekk jiġu evitati distorsjonijiet ta' kompetizzjoni ikkawżati mill-eżistenza ta' minimus madwar l-UE kollha jitlob lill-Kummissjoni li l-kontroll ta' kumpens żejjed jintuża biss jekk ir-riskju serju tal-ksur li jagħmel ħsara lill-kompetizzjoni jiġi aċċertat;

44. Jiġbed l-attenzjoni li la s-settur, l-istatus ta' entità li twettaq servizz lanqas il-mod li bih tiġi ffinanzjata, li jiddetermina jekk l-attivitajiet tagħha humiex meqjusa ekonomiċi jew non-ekonomiċi iżda hija n-natura tal-attività nnifisha u l-effett preventiv tagħha;
45. Ifakkar li l-kwistjoni kruċjali hija mhux li ssir distinzjoni bejn SGI ekonomika u non-ekonomika, inkluż SSGI, iżda aktarx il-possibilità għall-awtoritajiet pubbliċi biex jassiguraw it-twertiq aħħari ta' kompiti partikolari mogħtija lil impriżi fdati bl-operazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali;
46. Fil-qafas tal-leġislazzjoni attwali, jitlob għal kjarifika ta' kunċetti u riforma tal-kriterji ta' klassifikazzjoni użati biex jiddiferenzjaw bejn SSGI ekonomiċi u mhux ekonomiċi, u għal fehim komuni ta' SGI sabiex ikun żgurat li l-iskop intiż tagħhom jista' jintlaħaq;

L-għoti ta' kuntratti

47. Jilqa' l-aħħar konsultazzjoni dwar il-modernizzazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku immirati għal soluzzjonijiet kemm għall-użu aktar effiċjenti tal-flus tal-UE għall-kisba ta' għanijiet soċjali, ekonomiċi u amjentali; jisħaq li r-regoli tal-akkwist pubbliku jeħtieġ li jiġu simplifikati sabiex l-obbligi ta' SGI ikunu jistgħu jintlaħqu b'mod effiċjenti u effettiv; jinnota li s-sejħa għall-offerti fil-qasam tal-SSGI tista' tkun mezz aċċettabbli ta' għażla ta' fornitur, iżda jenfasizza li forom oħra trasparenti ta' għażla ta' fornituri jistgħu jippermettu aktar flessibilità, personalizzazzjoni ta' servizz u innovazzjoni, li huma essenzjali għall-kwalità tas-servizzi soċjali; jenfasizza li sejħiet għall-offerti għandhom ikunu żviluppatti b'tali mod li jitnaqqsu l-ispejjeż filwaqt li tinżamm il-kwalità;
48. Jitlob lill-Kummissjoni formalment tirrikonoxxi l-alternattivi tal-akkwist pubbliku għall-għoti tal-SGI, inklużi l-SSGI, bħalma huma l-metodi 'in-house' u 'service concession', u espliċitament li jingħata valur legali ugwali lill-opzjonijiet kollha għall-ikkuntrattar u l-finanzjament tal-SSGI; jitlob li jkun hemm it-twessigħ tal-kunċett 'in-house' ħalli jkunu inklużi l-fornituri tas-servizzi li jissodisfaw kriterji speċifiċi ta' interess ġenerali; barra minn hekk, jitlob sabiex ikun hemm rikonoxximent ta' proċeduri tal-Istati Membri bil-provi bbażati fuq il-prinċipju li l-fornituri kollha, li jistgħu jkunu konformi mal-kondizzjonijiet stipolati fil-liġi, għandhom ikunu jistgħu jipprovdu servizzi, irrispettivament mill-forma legali tagħhom, bil-kundizzjoni li jitqiesu l-prinċipji ta' trattament ugwali, nondiskriminazzjoni u trasparenza stipolati fil-liġi primarja;
49. Jappoġġja l-ankrar normattiv ta' opzjoni ta' sejħiet għall-offerti 'in-house' prattiċi għall-SGI inklużi l-SSGI, imsejsin fuq il-mudell tar-Regolament rivedut 1370/2007 dwar is-servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-toroq, li jistgħu jiddisponu li kull awtorità lokali kompetenti tista' tiddeċidi li tagħti s-servizzi hija stess jew li tagħti l-kuntratti ta' servizz pubbliku lil entità legalment distinta li l-awtorità lokali kompetenti

jkollha kontroll fuqha simili għal dak li jkollha fuq id-dipartiment tagħha stess u bl-ebda mod m'għandhom ma jippermettux trasparenza fis-sejħiet għall-offerti pubbliċi;

50. Jemmen li l-awtoritajiet reġjonali u lokali, b'konsultazzjoni mas-soċjetà u sħab soċjali, għandhom ikunu involuti fil-proċess ta' tfassil u ta' evalwazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku ħalli jiġu evitati diskrepanzi bejn ir-regoli u l-modi ta' organizzazzjoni u l-prattika attwali fil-post; jinnota li kooperazzjoni territorjali bejn ir-reġjuni tista' tgħin biex tiċċara l-aħjar Prattiki;
51. Jenfasizza li l-ambigwiżà rigward id-dritt tal-Istati Membri li jinsistu fuq kriterji soċjali, ambjentali u ta' kwalità fis-sejħiet għal akkwisti u kuntratti pubbliċi, u jiġbed l-attenzjoni għall-bidliet fil-qafas legali b'riżultat tat-Trattat ta' Lisbona u l-Karta Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem; Fil-kuntest ta' kummerċ ġust, li tiġi evitata ġirja għal isfel, u l-ġhotti ta' servizzi ta' kwalità, jitlob li jkun hemm estensjoni tal-kunċett ta' "offerta l-aktar ekonomika u vantaġġjuża" hekk li sejħiet għal offerti u kuntratti ta' akkwist, kif ukoll sottokuntratti għall-forniment ta' SGI, inklużi SSGI, ikollhom jinkludu kriterji nazzjonali u/jew lokali ambjentali u ta' servizzi ta' kwalità tal-Istati Membri rilevanti, li għandhom jintrabtu mal-aħjar Prattiki internazzjonali; jenfasizza li sabiex jinżammu l-istandards, il-kriterji ta' aċċettazzjoni ta' offerti ma jridux ikunu bbażati biss fuq il-prezz; ihegġegħ sabiex ir-riformi jikkunsidraw l-istatus speċifiku ta' fornituri mhux għall-qliegħ u fornituri soċjali ekonomiċi;
52. Jenfasizza li l-organizzazzjoni ta' servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Istati Membri seħħet permezz ta' proċess ta' żvilupp storiku u hija r-riżultat ta' tradizzjonijiet kulturali differenti, u b'hekk mhu la possibbli u lanqas mixtieq li jinħoloq mudell Ewropew wieħed li jaqdi l-bżonnijiet ta' kulħadd, u minflok għandu jiġi adottat approċċ flessibbli, li, filwaqt li jirrispetta l-prinċipju ta' sussidjarjetà, għandu jieħu kont xieraq tad-dritt għall-awtonomija lokali ta' awtoritajiet reġjonali u lokali u jħalli ambitu suffiċjenti għal żviluppi speċifiċi skont il-forom organizzattivi differenti tal-Istati Membri;

Inizjattiva għal riforma avanzata

53. Jirrikonoxxi l-valur għoli tal-iskambju reċiproku tat-tagħlim u l-prattika tajba biex tispira u tippromwovi l-modernizzazzjoni ulterjuri tal-SSGI fi Stati Membri differenti u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tkompli b' mod proattiv tagħti bidu u tappoġġja tali attivitajiet ma' awtoritajiet reġjunali u lokali, inkluż taħriġ lil dawn, fl-applikazzjoni tar-regoli tal-UE għal SSGI; jisħaq li l-problemi li l-fornituri u l-benefiċjarji tal-SSGI identifikaw jeħtieġ li jinstabulhom soluzzjonijiet minnufih bbażati fuq approċċ pragmatiku;
54. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, bħala segwitu għall-komunikazzjoni dwar SGI u r-reviżjoni attwali tar-regoli għall-akkwist pubbliku u l-ġhajnuna Statali, sabiex twettaq programm ta' riforma, adattament u kjarifka sabiex jappoġġja u jirrikonoxxi karatteristiċi ta' SSGI speċifiċi mhux tas-suq, sabiex tkun żgurata konformità mhux biss mad-dispożizzjonijiet tas-suq uniku iżda wkoll mal-obbligi soċjali tat-Trattati; iqis li qafas obbligatorju għal ċerti kategoriji tal-SSGI jeħtieġ li jiġi esplorat;
55. *Iqis li regolament ta' qafas tal-UE dwar SSGI, li huwa permess skont l-Artikolu 14 TFEU, mhuwiex kwistjoni ċentrali attwalment;*

56. Iqis li l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali ta, u se jkompli jagħti, kontribut importanti għall-komprensjoni komuni u r-rwol tal-SSGI; jinnota madankollu li il-mandat tat-Trattat tagħha (Artikolu 160 TFEU) jispeċifika stejtu purament konsultattiv u ma jippermettix li l-membri tiegħu jitwessa' biex jinkludi s-soċjetà ċivili, il-Parlament Ewropew, l-imsieħba soċjali jew oħrajn;

57. Jipproponi t-twaqqif ta' grupp ta' ħidma ta' multi-stakeholders ta' livell għoli kif inhu rakkomandat mit-3et Forum SSGI, li huwa miftuħ, flessibbli u trasparenti, li huwa rappreżentattiv b'mod wiesa' tal-partijiet interessati u ffukat fuq it-twaqqif ta' riformi bħal ma huma l-inizjattivi tal-politika identifikati f'dan ir-rapport u l-opinjoni tiegħu, fit-3et rakkomandazzjonijiet tal-Forum SSGI, it-tieni Rapport Biennali tal-Kummissjoni u r-rapporti SPC, kif ukoll kwalunkwe proposta rilevanti oħra li jkun hemm bżonn; jipproponi li l-grupp ta' ħidma jkun presedut b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kummissarju responsabbli għall-Affarijiet Soċjali u jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Parlament, il-Kummissarji rilevanti, il-Kunsill, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrapreżentaw utenti u fornituri tal-SSGIs, il-Kumitat tar-Regġuni, l-awtoritajiet lokali u partijiet interessanti rilevanti oħrajn,

Il-grupp ta' ħidma jista':

- iqis il-merti relattivi li jitwaqqaf Osservatorju Ewropew jew Ċentru ta' Riżorsi għall-SSGI biex tinġabar l-informazzjoni minn sorsi varji fl-Istati Membri u biex ikun permess l-iskambju ta' prattiki tajbin tal-SSGI fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;
- ifittex li jilħaq kunsens wiesa' dwar passi li jiċċaraw l-oskuritajiet legali u l-ambigwitajiet rigward l-SSGI;
- jevalwa jekk ir-regolamenti ta' suq uniku Ewropew li jkollhom impatt negattiv fuq id-dispożizzjoni tal-SSGI għandhomx bżonn jiġu mfassla mill-ġdid sabiex ikun hemm rispett u appoġġ għar-responsabilitajiet tal-Istati Membri fid-definizzjoni, l-iffinanzjar u l-għoti ta' SSGI, filwaqt li jitqies ir-rieżami attwali tar-regoli tal-Kummissjoni;
- iwettaq, bl-għajjnuna tal-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali, studju komprensiv rigward il-funzjonalità tal-SSGI;
- jeżamina kif l-Istati Membri, meta jiddefinixxu s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, jistgħu jikkunsidraw servizzi speċifiċi għall-ġeneru, speċjalment servizzi konsultattivi u soċjali mfassla b'mod partikolari għan-nisa, u servizzi importanti li jikkontribwixxu għall-kwalità tal-ħajja u għall-ugwaljanza tan-nisa, bħal servizzi tas-saħħa, b'mod partikolari servizzi ta' saħħa sesswali u riproduttiva, edukazzjoni u l-kura tal-anzjani;
- iħeġġeġ innovazzjonijiet bħal ma huma reġistru għall-Istati Membri tal-SSGI, skema pilota dwar il-kura għall-anzjani, u programmi ta' azzjoni bbażati fuq il-Qafas Volontarju Ewropew għall-Kwalità;
- iqis kif l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw forom ta' għajjnuna d-dar inkluż appoġġ għall-anzjani u persuni vulnerabbli, kemm min-nisa kif ukoll l-irġiel, u jnaqqsu l-impatt negattiv tal-impjiegi u l-pensjonijiet fuq dawk li jieħdu ħsieb membri tal-familja dipendenti;

58. Jitlob li jkun hemm ir-4a' Forum Ewropew dwar l-SSGI, biex ikompli l-inizjattiva tar-rapport Ferreira 2007 u jirrieżamina l-progress dwar ir-riforma; u biex il-grupp ta' ħidma proposta tippreżenta rapport ta' progress lir-raba' Forum, billi lill-Forum tagħtih kontinwità, direzzjoni u sostanza;

Il-qafas volontarju Ewropew għall-kwalità

59. Jilqa' l-VQF u jisħaq li l-applikazzjoni tal-prinċipji għandha tkun applikata u monitorjata bl-użu tal-kriterji ta' kwalità proposti, f'proċess ta' Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni, li fih, il-partijiet interessati jridu jkunu inklużi;

60. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea, fl-Inizjattivi Ewlenin annessi mal-Komunikazzjoni dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, tipproponi biex jiġi żviluppat, f'livell settorjali, il-Qafas Volontarju Ewropew għall-Kwalità dwar is-servizzi soċjali inkluż fil-qasam tal-kura fit-tul u tal-persuni mingħajr dar; jirrakkomanda li tindirizza wkoll l-oqsma tal-kura għat-tfal, id-diżabilità u l-akkomodazzjoni soċjali, u li tuża l-opportunitajiet ugwali bħala indikatur;

61. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiċċara l-konnessjoni bejn il-qafas ta' kwalità deskritt fil-qosor fil-VQF u l-programm Prometheus biex tiġi evitata d-duplikazzjoni; Iħeġġeġ li l-Istati Membri jużaw il-VQF ħalli jfasslu jew itejbu sistemi eżistenti ta' monitoraġġ u akkreditazzjoni tal-kwalità kif inhu xieraq għal kull Stat Membru; huwa tal-opinjoni li t-tħaddim tal-VQF għandu jiġi evalwat mill-Istati Membri b'referenza għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Protokoll 26 tat-TFUE;

62. Jisħaq li kondizzjonijiet tax-xogħol deċenti, għan-nisa u l-irġiel, li huma stabbli u konformi mal-liġi u l-prattika tal-Istati Membri, flimkien ma' taħriġ ta' kwalità regolari u l-parteċipazzjoni tal-utenti u s-setgħa li għandhom, filwaqt li jitqiesu l-perspettivi tas-sessi, huma essenzjali għall-għoti ta' servizzi soċjali ta' kwalità; jenfasizza li l-volontarjat għandu rwol importanti fis-settur tal-SSGI, iżda m'għandux jissostitwixxi l-preżenza ta' numru adegwat ta' speċjalisti mħarrġa b'mod professjonali bħal ma huma l-ħaddiema soċjali u l-istaff ġenerali;

63. Jitlob lill-Istati Membri biex jinkuraġġixxu l-ħolqien tal-impjiegi u l-potenzjal ta' tkabbir tas-settur tas-servizzi soċjali, tas-saħħa u tal-edukazzjoni billi joffru lill-migranti u liċ-ċittadini tal-UE kondizzjonijiet diċenti tax-xogħol u aċċess għas-sistemi komprensivi ta' protezzjoni soċjali;

64. Jikkunsidra li, fost il-kompiti mwettqa mill-ħaddiema soċjali, għandha tingħata importanza partikolari lil attivitajiet immirati biex tiżdied il-motivazzjoni biex titwettaq attività tax-xogħol, tal-edukazzjoni jew ekonomika bil-għan li jsiru indipendenti u awtosuffiċjenti;

65. Iqis li l-prinċipji tal-VQF jistgħu jintużaw ħalli jgħinu fid-definizzjoni tal-kriterji ta' kwalità tas-servizzi li jiġu applikati għar-regoli riveduti tal-akkwist pubbliku għas-sejthiet għal offerti u l-kuntratti, inklużi s-subkuntratti;

66. Jipproponi li titjib ulterjuri tal-VQF għandu jinkludi referenza għall-qagħda tal-iffinanzjar u l-fornitur tas-servizz;

67. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, u lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

NOTA SPJEGATTIVA

Id-dinja nbidlet mindu r-Rapport Hasse Ferreira indirizza s-Servizzi Soċjali ta' Interess Ġenerali (SSGI) fl-2007. L-ewwel nett, il-mudell ekonomiku ta' regolamentazzjoni limitata promoss b' diliġenza mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tul ħafna snin ikkrolla b' mod spettakolari fi tmiem dik is-sena. It-tieni nett, u b' mod aktar pożittiv, hemm l-ambjent regolatorju u ta' politika ġdid tat-Trattat ta' Lisbona għall-appoġġ u l-iżvilupp tas-SSGI. Is-SSGI huma pilastru soċjali u ekonomiċi essenzjali tas-soċjetajiet tagħna. Jeħtieġ li jinstabu l-mezzi biex jiġu ffinanzjati adegwament. Dan ir-rapport jidentifika possibiltajiet biex jiġu indirizzati l-preokkupazzjonijiet tal-fornituri u tal-utenti tas-SSGI b' mod progressive u deċiżiv. B' mod partikolari, huwa kruċjali li jiġi stabbilit korp uffiċjali ddedikat li jopera minn isfel għal fuq li jinvolvi lill-partijiet interessati kollha biex jidentifika u jimplementa r-riformi meħtieġa.

Il-Kriżi Ekonomika:

Kien hemm spejjeż ekonomiċi u soċjali enormi tal-ikkrollar inklużi l-istaġnar ekonomiku, żidiet kbar fir-rati tal-qgħad u faqar. F' xi każijiet id-dejn u d-defiċits baġitarji tal-Istati Membri laħqu livelli ta' kriżi permezz tas-soċjalizzazzjoni tad-dejn tal-banek privati. Il-pressjonijiet baġitarji ġġenerati minn din is-sitwazzjoni qed ipoġġu tensjoni enormi fuq l-iffinanzjar tas-SSGI u huma addizzjonali għall-pressjonijiet li hemm fuq dawn is-servizzi kkawżati mill-mudell ekonomiku neoliberali, li jqis lil dawn is-servizzi bħala extras fakultattivi. Din il-ħaġa ggravat it-tħassib li ilu jkollhom il-fornituri tas-SSGI kif ukoll iċ-ċittadini, rigward ir-restrizzjonijiet imposti mill-interpretazzjonijiet li tagħmel il-Kummissjoni tat-Trattati, dwar kif is-SSGI huma ffinanzjati u mwassla.

Il-politika attwali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni hi li tenfasizza l-konsolidazzjoni fiskali - ir-restawrazzjoni tal-kriterji tad-dejn u tad-defiċit baġitarju tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) għalkemm il-kriżi żvelat in-natura għalkollox inadegwata tal-PST bħala miżura ta' stat ta' saħħa ekonomiku tajjeb. Id-dibattitu dwar kif dawn il-problemi għandhom jiġu indirizzati huwa wkoll dwar kif insalvaw il-Mudell Soċjali Ewropew mill-ħsara fatali. It-tfittxija tal-kombinazzjoni t-tajba għal kull Stat Membru tan-nefqa fis-servizzi ta' interess ġenerali, it-tassazzjoni, u l-istimolu li jgħin lill-ekonomiji tagħna jikbru b' mod sostenibbli, u b'hekk ikun possibbli li d-dejn u d-defiċits jitnaqqsu għal proporzjonijiet li jkun jistgħu jiġu mmaniġġjati f' perjodu definit raġonevoli, ġew abbandunati favur aġenda ideoloġika b' mod għami. Ir-rwol kritiku li s-SSGI jistgħu jwettqu f' dan iż-żmien kemm bħala xibka ta' sikurezza u kemm bħala imbottatura għat-tkabbir s' issa fil-biċċa l-kbira ġie injorat.

It-Trattat ta' Lisbona

Madankollu, il-potenzjali regolatorju u politiku ġdid tat-Trattat ta' Lisbona, jekk jiġi intużat b' mod intelliġenti, jista' jgħin biex jiġġedded dan l-ingredjent essenzjali tal-Mudell Soċjali Ewropew. Ir-rispons għall-kriżi jista' jkun opportunità għal impenn politiku mġedded għar-rwol soċjali u ekonomiku tas-SSGI universali.

Id-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-Trattat (Artikoli 3.3 tat-TUE u 9 tat-TFUE) jagħtina s-setgħa li niżviluppaw Ekonomija tas-Suq Soċjali moderna. L-Artikolu 14 tat-TFUE jagħraf li s-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SIEĠ) huma parti intrinsika mill-mudell soċjali

Ewropew. Il-Protokoll 26 jiddikjara b' mod ċar ir-responsabilitajiet tal-Istati Membri fit-twassil ta' tali servizzi, filwaqt li l-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tagħraf id-dritt ta' ċittadini li jkollhom aċċess għas-SIEĠ.

Dan ir-rapport jidentifika possibiltajiet biex jiġu indirizzati l-preokkupazzjonijiet tal-fornituri u tal-utenti tas-SSGI b' mod progressive u deċiżiv. Jidentifika l-leġiżlazzjoni u l-politika li jistgħu jiġu żviluppati biex ikun żgurat li s-Servizzi Soċjali ta' Interess Ġenerali (SSGI), kemm ekonomiċi u kemm mhux ekonomiċi, jingħataw is-setgħa biex ikunu jistgħu jwettqu rwol normali tagħhom, filwaqt li jgħinuna noħorġu mill-kriżi, u jikkontribwixxu biex tiġi realizzata l-istrateġija soċjali u ekonomika tal-2020, kif rikonoxxut mill-Kunsill Ewropew għall-Affarijiet Soċjali f' Diċembru 2010,

Ir-Rwol Soċjali tas-SSGI

Is-Servizzi Soċjali ta' Interess Ġenerali (SSGI) huma suddiviżjonijiet tas-Servizzi ta' Interess Ġenerali (SIĠ) u skont interpretazzjonijiet prevalenti xi drabi huma kkategorizzati bħala servizzi 'ekonomiċi'. Is-SSGI u l-utenti tagħhom għandhom għadd ta' karatteristiċi speċjali minbarra l-karatteristiċi komuni tal-SIĠ. Is-SSGI jħaddnu, oltre għas-servizzi tas-saħħa, kemm servizzi statutorji u kemm servizzi komplementari universalment disponibbli, mogħtijin direttament lill-persuna, li jwettqu rwol preventiv, ta' koeżjoni soċjali u l-jeddijiet soċjali fundamentali jagħmluhom tanġibbli.

Servizzi universali ta' kwalità għolja bħalma huma s-saħħa, l-ekdukazzjoni u l-kura tat-tfal, u servizzi essenzjali ta' netwerks bħalma huma t-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet, jiżguraw soċjetà sana, attiva, koeżiva u inklussiva, u huma essenzjali wkoll għal livelli oġhla ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u għall-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva.

Ir-Rwol Ekonomiku tas-SSGI

Is-SSGI fit-totalità tagħhom jagħmlu kontribut sinifikanti ħafna f' dawk li huma impjeggi, attività ekonomika u setgħa tax-xiri fl-ekonomija. It-Tieni Rapport li jsir Kull Sentejn dwar is-SSGI tal-Kummissjoni jindika li s-Servizzi tas-Saħħa u s-Servizzi Soċjali jgħoddu 5% tal-kontribut ekonomiku u jimpjegaw madwar 21.4 miljun ruħ.

Is-CEEP¹ tistma li l-fornituri tas-Servizzi ta' Interess Ġenerali (SIĠ) fl-UE jikkontribwixxu direttament 26% (EUR 2412 Biljun) tal-PGD tal-UE u jimpjegaw 64 miljun ruħ, li terz minnhom huma impjegati fis-servizzi tas-saħħa u fis-servizzi soċjali.

Ir-riċerka tal-Eurofound stabbiliet fl-Istħarriġ li għamli dwar il-Kwalità tal-Ħajja², li wieħed mill-modi l-aktar importanti kif tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' ċittadini, fejn tkun żgurata inklużjoni sħiħa fis-soċjetà, u fejn ikun hemm dispożizzjoni għall-koeżjoni soċjali u territorjali hu billi jiġu pprovduti u żviluppati SIĠ/SSGI, kemm jekk mogħtija minn Dipartimenti u Aġenziji Statali, awtoritajiet lokali, kemm jekk minn intrapriċi u atturi tal-ekonomija soċjali bħalma huma l-assoċjazzjonijiet mutwi, il-kooperattivi, u l-organizzazzjonijiet volontarji.

¹ CEEP: Mapping of the Public services:

http://www.ceep.eu/images/stories/pdf/Mapping/CEEP_mapping%20experts%20report.pdf.

² Eurofound - Quality of Life Surveys <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef09108.htm>.

Finanzjament

Approċċ ta' solidarjetà tat-tip *Communaautaire*, baġit tal-UE li jkun imtejjeb ħafna biex jgħin lill-ekonomiji aktar batuti, rwol akbar għall-Bank Ewropew tal-Investment, u aġenzija tad-dejn Ewropea biex tistabilizza l-ispejjeż tad-dejn, ikunu jiżguraw irkupru aktar malajr u jsaħħu l-Unjoni Ewropea fi żmien meta hemm forzi ċentrifugali dejjem aktar qawwija li qed idgħajfu lill-Unjoni. It-taxxa fl-Ewropa kollha ta' mhux aktar minn 0.5% fuq it-transazzjonijiet finanzjarji, kif miftiehem fir-Rapport Berès, tkun tiġbor EUR 200 biljun fis-sena.

INIZJATTIVA BIEX TIĠI AVVANZATA R-RIFORMA

L-Awtoritajiet Pubbliċi impenjati fil-provvediment jew il-mandatar tas-SSGI jeħtieġu pedament legali ċar biex fuqu jibbażaw is-servizzi u l-ispejjes tagħhom. Is-servizz ta' informazzjoni u kjarifikazzjoni żviluppat mill-Kummissjoni huwa essenzjali għall-fornituri u t-titjib ta' dawk is-servizzi għandu jiġi milqugħ b'sodisfazzjon. Imma l-kjarifiki tal-Kummissjoni ma neħħewx l-inċertezza legali. Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja hija ffaċċjata bil-kompitu li taġġudika dwar dawn il-kwistjonijiet li għandhom jiġu ċċarati fil-leġislazzjoni. Dan mhuwix sodisfaċenti mil-lat demokratiku jew mil-lat tat-teħid effiċjenti tad-deċiżjonijiet.

L-intrapriżi volontarji jew tal-ekonomija soċjali, bi ftit riżorsi jew strutturi ta' manġment, li qed iwasslu s-SSGI, jistgħu jispiċċaw insolventi minħabba l-piż tar-rekwiżiti burokratiċi tal-akkwist u tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat. Dan għandu l-effett li jillimita l-kapaċità tagħhom u r-rieda tal-awtoritajiet lokali li jużaw tali organizzazzjonijiet għat-twassil tas-servizzi u biex jiġu ppilotati servizzi innovattivi.

L-isfida hi li niddelinjaw u nipprovdu qafas sikur u flessibbli għas-SSGI, bl-użu tal-istrumenti kollha li għandna għad-dispożizzjoni tagħna, biex niżguraw li l-oġettivi soċjali tal-Unjoni jiġu appoġġati u mhux imxekkla minn regoli maħsuba biex jirregolaw l-intrapriżi kummerċjali.

Fil-fehma tar-Rapporteur pakkett ta' riforma għandu jinkludi Regolament Qafas għas-SGIE bl-użu tal-Artikolu 14 tat-TFUE biex jiġu ddefiniti s-servizzi ta' interess ġenerali u jiġi delimitat l-impatt ta' Awtorità Superviżorja Ewropea regoli tas-suq uniku. Ir-Regolament jista' jiddistingwi bejn SIG ekonomiċi u dawk mhux ekonomiċi, u jikkonsolida u jiċċara l-prinċipji ġenerali u l-kundizzjonijiet komuni għall-operazzjoni b'suċċess ta' dawn is-servizzi. Madankollu l-konfigurazzjoni politika tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tagħmilha improbabbli li tali leġislazzjoni tista' tiġi adottata fil-ġejjieni qrib, u s-soluzzjonijiet huma meħtieġa issa.

Dan ir-rapport jagħti l-punti prinċipali ta' Programm ta' Riforma li jindirizza d-diffikultajiet maħluqa mir-regoli tal-Akkwist u tal-Għajnuna mill-Istat għat-twassil tas-SSGI, u kwistjonijiet oħra u jagħmel proposti biex jintlaħaq approċċ flessibbli għall-awtoritajiet nazzjonali u lokali fl-iffinanzjar u l-attribuzzjoni tas-SSGI. Ir-riformi għandhom jindirizzaw ukoll inter alia: Ir-rwol tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u l-atturi u l-organizzazzjonijiet ta' volontarjat fit-twassil tas-SSGI; Jiddefinixxu bħala obligatorja, il-konformità mal-kriterji nazzjonali u lokali soċjali u ta' kwalità fil-kuntratti tal-akkwist, inkluż fejn jintużaw is-sottokuntratturi; Jindirizzaw il-kwistjoni ta' dawk li jaħdmu għal rashom foloz fil-provvediment tas-SSGI; Statut tal-UE biex is-Soċjetajiet Mutwi jkunu jistgħu joperaw fuq bażi transnazzjonali.

Task force li tinvolvi diversi partijiet interessati

B'mod l-aktar importanti Programm ta' Riforma għas-SSGI jeħtieġ qafas uffiċjali ddedikat għall-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa. Dan ir-Rapport jipproponi l-istabbiliment ta' 'Task force ta' Livell Għoli li tinvolvi diversi Partijiet', li hija appoġġata fir-Rakkomandazzjonijiet tat-Tielet Forum li jsir Kull Sentejn dwar is-SSGI. Il-mandat tat-Task Force ikun li tfittex konsensus wiesa' dwar id-diversi proposti inklużi dawk tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni, tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS), tas-Sħab Soċjali, u tal-korpi rappreżentanti tal-fornituri u tal-utenti; li tidentifika l-politika u l-adattamenti legali meħtieġa biex jiġu stabbiliti standards ta' kwalità għolja u ċ-ċertezza legali

¹ Abbozz ta' Regolament dwar is-SIEĠ tal-Grupp Soċjalista u tad-Demokratiċi: proinsias.derossa@europarl.europa.eu.

meħtieġa biex tkun żgurata r-realizzazzjoni tar-rwol soċjali u ekonomiku li s-SSGI jistgħu jwettqu fis-soċjetà Ewropea. Is-sħubija tagħha tkun tikkonsisti fl-organizzazzjonijiet imsemmija qabel u għandha tkun ippreseduta mid-DĠ Affarijiet Soċjali u SSGI-sħubija għandha tinkludi wkoll lid-DĠ Kompetizzjoni, lid-DĠ Suq Uniku, lid-DĠ Ambjent, u lid-DĠ Sanco. Ikollha mandat inizjali ta' sentejn, bl-objettiv li tagħmel rapport ta' progress għar-Raba' Forum li jsir Kull Sentejn dwar is-SSGI, li hu wkoll propost minn dan ir-rapport.

Idea addizzjonali, li jistħoqqilha kunsiderazzjoni mit-Task Force proposta, ġejja mill-UNIOPSS¹ li ttipproponi a 'Ċentru tar-Riżorsi Ewropew għas-SSGI'. Dan jista' jkun punt ta' referenza tekniku bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Soċjetà Ċivili fil-livell tal-UE. Jista' jippromwovi qafas legali Ewropew effettiv, jiffaċilita l-investment, jiskambja l-aħjar prattika, jiġbor l-istatistika u jorganizza studji komparattivi. Jkun jista' jiġi kkonsultat dwar kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva b'impatt fuq is-SSGI. Ir-Rapport Monti dwar 'It-Tlestija tas-Suq Uniku (2010)' jargumenta li s-SIĠ għandhom rwol importanti ekonomikament u soċjalment u jikkonkludi li hemm il-ħtieġa ta' dritt universali ġdida għall-aċċess għall-broadband u għas-servizzi bankarji. Dawn, flimkien ma preokkupazzjonijiet eżistenti dwar l-impatt tal-leġiżlazzjoni tas-suq uniku dwar is-SSGI, jeħtieġ li ssir leġiżlazzjoni għalihom.

L-Istandards Volontarji Ewropej tal-Kwalità

L-aċċess għal SSGI ta' kwalità għolja huwa dritt taċ-ċittadin. Diġà sar xogħol konsiderevoli dwar din il-kwistjoni inkluż mis-soċjetà ċivili u ninsabu f'pożizzjoni fejn dalwaqt nadottaw Qafas Volontarju Ewropew għall-Kwalità (QVK). Imma hemm lakuni fil-QVK li dan ir-rapport ifittex li jiġu indirizzati. Element fundamentali għall-kwalità hu: ir-rispett għad-dinjità umana u d-drittijiet fundamentali; is-servizzi jridu jkunu parteċipattivi; iridu jagħtu s-setgħa lill-utenti jieħdu d-deċiżjonijiet waħedhom; ikunu olistiċi u kontinwi; jiġu pprovduti bi sħab mal-komunitajiet u atturi oħra; jiġu pprovduti minn professjonisti li jkunu jaħdmu f'kundizzjonijiet diċenti tal-impjieg u tax-xogħol; jiġu mmaniġġjati b'mod trasparenti u jkollhom l-obbligu li jagħtu rendikont.

Konklużjoni

Hemm ħafna proposti oħra mill-Federazzjoni Ewropea tal-Junjins tas-Servizz Pubbliku u mill-KETU, u minn fornituri ta' servizzi bħalma hu s-CEEP, ħafna organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' awtoritajiet lokali u organizzazzjonijiet rappreżentattivi mis-soċjetà ċivili bħalma huma s-Solidar, in-Netwerk Soċjali Ewropew, il-Pjattaforma Soċjali, ir-REVES,

BAGFW, AIM, MEPLF, Eurodiaconia, CEDAG, REIF, u Eurocities. Ikkunsidrajt dawn il-veduti bir-reqqa. Kollha huma misluta mill-esperjenza tagħhom u jixirqilhom konsiderazzjoni attiva u serja b' mod strutturat u integrat, b'hal ngħidu aħna permezz tat-Task Force proposta.

Il-problemi li l-fornituri u l-utenti identifikaw jeħtieġu soluzzjonijiet urġenti, u fid-dawl tal-kriżi ekonomika u tal-qgħad iċ-ċittadini tagħna għandhom hteġa aktar kbira minn qatt qabel li jkollhom aċċess għal Servizzi Soċjali ta' Interess Ġenerali ta' Kwalità Għolja, filwaqt li l-ekonomiji tagħna u s-soċjetà tagħna wkoll jeħtieġu l-benefiċċji li dawn is-servizzi jistgħu jwasslu.

¹ UNIOPSS:http://www.uriopss-picardie.asso.fr/resources/trco/pdfs/2010/J_octobre_2010//57908EuropeaManifesto_SSGIoct2010.pdf.

23.3.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-futur tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali
(2009/2222(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sophie Auconie

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Peress li s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali jagħtu kontribut maġġuri għall-ilħuq tal-oġettivi tal-UE, kif stabbiliti mit-Trattati, b'mod partikolari l-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u, jistieden lill-Kummissjoni biex tuża l-evalwazzjoni u r-reviżjoni tal-pakkett Monti-Kroes sabiex tkompli l-isforzi tagħha biex tiċċara u tissorvelja l-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji fil-qasam tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, permezz ta' approċċ imfassal apposta, li jkun jista' jiġi applikat faċilment mill-awtoritajiet pubbliċi li jorganizzaw u li jqis il-modi speċifiċi kif is-servizzi soċjali huma organizzati, l-istatus legali tagħhom u n-natura sinifikattivament lokali tagħhom, kif ukoll ir-responsabbiltà tal-Istati Membri biex jorganizzaw u jiffinanzjaw dawn is-servizzi;
2. Jenfasizza li l-organizzazzjoni ta' servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Istati Membri seħħet permezz ta' proċess ta' żvilupp storiku u hija r-riżultat ta' tradizzjonijiet kulturali differenti, u b'hekk mhux possibbli u lanqas mixtieq li jinħoloq mudell Ewropew wieħed li jaqdi l-bżonnijiet ta' kulħadd, u minflok għandu jiġi adottat approċċ flessibbli, li, filwaqt li jirrispetta l-prinċipju ta' sussidjarjetà, għandu jieħu kont xieraq tad-dritt għall-awtonomija lokali ta' awtoritajiet reġjonali u lokali u jħalli ambitu suffiċjenti għal żviluppi speċifiċi skont il-forom organizzattivi differenti tal-Istati Membri;
3. Iqis li regolament qafas uniku tal-UE dwar is-servizzi kollha ta' interess ġenerali mhux l-istrument xieraq biex tiġi stabbilita ċ-ċertezza legali f'dan il-qasam;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta dokument indikattiv li jistabbilixxi metodoloġija maħsuba għall-awtoritajiet lokali li jorganizzaw, li jispeċifika l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-regoli Ewropej; iqis siewi, f'dan il-kuntest, li jiġi pprovdut iktar taħriġ għall-awtoritajiet lokali sabiex tiġi eliminata l-inċertezza legali fil-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti;
5. Jitlob lill-Kummissjoni tqis kemm hu xieraq li tippreżenta regolament de minimis speċifiku għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali jew li tbiddel il-limitu de minimis għal tali servizzi b'tali mod li l-kontroll imwettaq mill-Unjoni fuq l-għajnuniet statali jikkonċentra fuq is-servizzi soċjali suxxettibbli li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kummerċ transkonfinali fi ħdan l-Unjoni;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tqis kemm hu xieraq li testendi l-ambitu tal-eżenzjoni ta' notifika mingħajr limiti minimi għal setturi oħra tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li wasslu għall-eżenzjoni kurrenti ta' notifika għas-setturi tal-isptarijiet u tad-djar soċjali u b'kunsiderazzjoni tal-fatt li, f'dan l-istadju tal-iżvilupp tas-suq intern, l-intensità tad-distorsjoni ta' kompetizzjoni f'dawn is-setturi mhijiex neċessarjament proporzjonata mad-dħul u l-ammont ta' kumpens; jitlob lill-Kummissjoni tezonora mill-obbligi ta' notifika lis-subsvenzjonijiet mogħtija fil-qafas ta' kuntratt mogħti wara sejħa għal offerti kompettiva; iqis il-fatt li l-alternattivi eżistenti għal sejħiet għal offerti kompetittivi (interni, skemi ta' awtorizzazzjoni, delegazzjoni, eċċ.) jistgħu iktar jiġu adattati għall-ispeċifikitajiet tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali;
7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiggwida lill-Istati Membri sabiex jużaw sejħiet għal offerti kompetittivi fil-każ biss ta' servizzi li għalihom jeżistu provvista u domanda ta' suq ġenwini u naturali, peress li sejħa għal offerti kompetittiva għal servizzi li għalihom ma hemmx domanda u provvista ta' suq ġenwini u naturali toħloq spejjeż u piżijiet amministrattivi mhux neċessarji;
8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara kif il-kunċetti ta' attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi u tal-effetti fuq il-kummerċ għandhom jiġu applikati għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali u l-arranġamenti speċifiċi għall-applikazzjoni tal-kunċett 'il-livell tal-kumpens neċessarju (...) abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż, li impriża medja, immexxija tajjeb u adegwatament mogħnija b' mezzi ta' trasport (...) kienet tagħmel sabiex twettaq tali obbligi" (QĠUE, Kawża C-280/00, Altmark);
9. Jissottolinja li l-att ta' kariga huwa garanzija ta' trasparenza li għandha tinżamm; jitlob lill-Kummissjoni tqis jekk ir-regoli li jirregolaw il-kariga u l-kontroll ta' kumpens żejjed humiex xierqa għall-karatteristiki tas-servizzi soċjali u biex tieħu azzjoni jekk dawn mhumiex xierqa; jenfasizza li l-kamp ta' applikazzjoni għad-delegazzjoni (att ta' kariga) għandu jitjieb, b'mod partikolari permezz ta' applikazzjoni iktar flessibbli tar-regoli;
10. Hu tal-fehma li, peress li s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali huma servizzi orjentati lejn il-persuna u peress li dawn jindirizzaw il-bżonnijiet tal-persuni l-iktar żvantaġġati, u b'hekk jippermettu li individwi jieħdu sehem sinifikanti fil-ħajja ekonomika u soċjali tas-soċjetà (il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6/7 ta' Diċembru 2010), is-servizzi bankarji ta' bażi

għandhom jitqiesu bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u għandhom ikunu suġġetti għal obbligi universali ta' servizz sabiex ikun garantit li t-tali servizzi jkunu aċċessibbli, ikollhom prezz għall-but ta' kulħadd, ikunu trasparenti u ta' kwalità ta' livell għoli;

11. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta proposti leġiżlattivi għall-bonds ta' proġetti sabiex jiġi garantit finanzjament fit-tul u ekonomikament aċċessibbli għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali rilevanti u sostenibbli tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tad-djar soċjali (fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika fit-tiġdid tal-bini) u tat-tiġdid tal-bini pubbliku;
12. Jissottolinja li l-kalkoli ta' kumpens m'għandhomx isiru esklussivament fuq il-bażi ta' kriterji ekonomiċi u finanzjarji, iżda għandhom iqisi wkoll kriterji soċjali;
13. Qed jistenna bil-ħerqa r-riżultati tal-evalwazzjoni tal-pakkett Monti-Kroes, li ser juru jekk hemmx bżonn iktar tibdil u, jekk iva, fejn.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	16.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 6 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Vicky Ford, Ildikó Gáll-Pelcz, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Wolf Klinz, Philippe Lamberts, Astrid Lulling, Íñigo Méndez de Vigo, Ivari Padar, Antolín Sánchez Presedo, Edward Scicluna, Peter Simon, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Marianne Thyssen, Corien Wortmann-Kool
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sophie Auconie, Elena Băsescu, Saïd El Khadraoui, Danuta Jazłowiecka, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Sirpa Pietikäinen, Catherine Stihler

5.4.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-futur tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali
(2009/2222(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Damien Abad

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali (SSIĠ) għandhom rwol komprensiv fl-implimentazzjoni tal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 3 tat-Trattat tal-UE (TUE) u fl-Artikoli 9 u 14 tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), partikolarment rigward l-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna, u l-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni;
2. F'dan il-kuntest jenfasizza li huwa importanti li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tas-suq uniku u li titqies aktar in-natura speċjali tas-SSIĠ billi ssir enfasi fuq approċċ pragmatiku li jagħti konsiderazzjoni primarja għall-aċċessibilità, l-universalità, il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi.
3. Ifakkar li jeżistu diversi mudelli ta' servizzi pubbliċi fl-Ewropa u li għalhekk ir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà għandu jkun fiċ-ċentru ta' diskussjonijiet ulterjuri sabiex tiġi ċċarata r-rabta bejn il-livell Ewropew u l-livelli reġjunali, nazzjonali u lokali.
4. Jerġa' jtenni l-fatt li s-SSIĠ qed jevolvu kontinwament bi tweġiba għall-iżviluppi ekonomiki, soċjali istituzzjonali u teknoloġiċi ġodda; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex ikomplu l-proċess ta' modernizzazzjoni tal-infrastruttura, l-organizzazzjoni u l-finanzjament tas-servizzi ta' interess ġenerali fid-dawl tal-bidliet kostanti fis-suq intern u l-bżonnijiet essenzjali taċ-ċittadini Ewropej;

Il-promozzjoni tal-importanza politika tas-SSiĠ

5. Iqis li meta jitqies il-post li jokkupaw dawn is-servizzi fl-Ewropa, partikolarment fil-kuntest ta' kriżi ekonomika, l-Unjoni Ewropea għandha tagħraf l-importanza tagħhom; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tevalwa jekk osservatorju Ewropew tas-servizzi soċjali, jekk jiġi stabbilit, ikunx għodda adegwata sabiex jiġbor informazzjoni minn sorsi differenti fl-Istati Membri u sabiex jippromwovi l-prattiki tajbin fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjunali u lokali;
6. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex taġġorna l-mistosqijiet u tweġibiet rigward is-SSiĠ tas-sit tal-internet u sabiex tfassal metodoloġija li tkun adattata aħjar għal awtoritajiet li jmexxu s-servizzi pubbliċi u għal operaturi, u li tkun tiftiehem, applikabbli direttament u disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni;
7. Jenfasizza l-interess għal fehim aħjar tal-kunċetti komuni dwar il-kwalità tas-SSiĠ tal-qafas ta' kwalità Ewropew volontorju għas-servizzi soċjali adottat fl-2010 mill-Kumitat għall-protezzjoni soċjali; jixtieq jara definizzjoni tal-istrumenti komuni ta' koordinazzjoni sabiex ikun hemm ottimizzazzjoni tal-użu ta' dan il-qafas volontarju u l-iskambju tal-aħjar Prattiki bl-iskop li jiġu determinati indikaturi ta' kwalità komparabbli;
8. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli bl-isforzi tagħha biex tindetifika l-karatteristiċi tas-SSiĠ u sabiex tinstab definizzjoni komuni aċċettata ta' servizzi ta' interess ġenerali, filwaqt li jkunu rispettati bis-sħiħ ir-risponsabbiltajiet tal-Istati Membri u jiġu kkunsidrati l-modi distintivi u individwali kif dawn is-servizzi huma mfasla madwar l-Ewropa;

Kunsiderazzjoni tad-dimensjoni ekonomika tas-servizzi soċjali

9. Ifakkar fl-importanza tas-SSiĠ fl-impjieg totali tal-Unjoni u fil-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri; iqis li fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u baġitarja, jeħtieġ li jiġi adottat approċċ bilanċjat ibbażżat fuq iż-żamma tal-kontinwazzjoni u tal-kwalità tas-servizzi soċjali u t-titjib fl-effiċjenza;
10. Iqis għalhekk li jeħtieġ diskussjoni l-ewwelnett sabiex tiċċara l-kunċetti u speċjalment l-idea ta' mandatar, u dwar ir-relazzjoni bejn il-konformità neċessarja mar-regoli tal-akkwist pubbliku u s-SSiĠ, b'mod partikolari rigward modi ġodda ta' ġestjoni bħal akkwisti "in-house" u l-koopeazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali, u t-tieninett, dwar enfasi akbar fuq il-kriterji tal-kwalità fil-proċess tal-għażla tal-offerti, hekk li tkun żgurata l-parteċipazzjoni tal-SMEs u organizzazzjonijiet oħra taħt kundizzjonijiet ekwi;
11. F'dan il-kuntest, jiġbed l-attenzjoni għar-regoli li jirregolaw il-kompetizzjoni għal fornituri tas-servizzi u jfakkar fil-prinċipju ġenerali tat-Trattat (non-diskriminazzjoni, trattament ekwu u proporzjonalità) sabiex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta għal intrapriżi pubbliċi u privati li jipprovdu SSiĠ;

Definizzjoni tal-isfond tas-SSiĠ

12. Jenfasizza l-bżonn li jiġu ċċarati l-inċertezzi legali li jxekklu lis-SSiĠ; jilqa' bi pjaċir l-aġġornar tal-gwida tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' regoli għas-SSiĠ rigward għajnuna Statali tal-UE, l-akkwist pubbliku u s-suq uniku, iżda jfakkar li dan mhux

biżżejjed għaliex ir-regoli jqajmu problemi għal għadd ta' atturi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissimplifika dawn ir-regoli;

13. Jieħu nota tal-proposti li jidhru fir-rapport Monti, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa u l-Protokoll 26; iqis li huwa essenzjali li wieħed jimxi fuq approċċ pragmatiku li jippermetti li jiġu identifikati d-diffikultajiet reali u s-soluzzjonijiet possibbli; jistieden lill-Kummissjoni sabiex flimkien mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tagħmel studju fil-fond dwar il-funzjonament ta' settur pilota tas-SSIĠ, bħal pereżempju s-settur tas-servizzi għall-anzjani li mistenni jkollu rwol importanti ħafna għaliex l-UE fil-futur se tħabbat wiċċha ma bidliet demografiċi sostanzjali;
14. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li r-rekwiżiti ta' kwalità jiġu segwiti minn intrapriżi pubbliċi u privati li jipprovdu SSIĠ; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiġbor informazzjoni dwar rekwiżiti ta' kwalità nazzjonali flimkien ma' informazzjoni rigward prattiki tajbin fi Stati Membri;
15. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex ittejjeb it-trasparenza u l-għarfien fil-qasam tal-għajjnuna statali, l-akkwist pubbliku, sħubijiet pubbliċi privati u konċessjonijiet billi jiġu żviluppati għodod ta' komunikazzjoni fil-qasam tas-servizzi soċjali; madankollu, jindika l-fatt li għadd ta' kwistjonijiet għadhom pendent u jeħtieġ li għalihom jiġu adottati regoli għall-bżonnijiet tal-awtoritajiet lokali u fornituri żgħar, u għalhekk il-Kummissjoni għandha tkompli ttiprovdi bażi legali ċara u informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE bl-iskop li servizzi ta' interess ġenerali jkunu kapaċi jwettqu l-missjoni tagħhom u jikkontribwixxu għal kwalità ta' ħajja aħjar għaċ-ċittadini Ewropej;
16. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni eqreb bejn fornituri u persuni interessati fil-kuntest tas-SSIĠ u ta' aktar involviment ta' utenti bl-iskop li tittejjeb id-definizzjoni ta' aspettattivi u t-titjib tal-kwalità;
17. Jindika l-fatt li ġew esklużi firxa wiesgħa ta' servizzi soċjali mill-ambitu tad-Direttiva tas-Servizzi fis-suq intern; jittama li l-Kummissjoni dalwaqt tagħti rendikont dwar it-traspożizzjoni ta' dawk il-miżuri ta' esklużjoni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Cristian Silviu Buşoi, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Christian Engström, Evelyne Gebhardt, Iliana Ivanova, Philippe Juvin, Sandra Kalniete, Eija-Riitta Korhola, Edvard Kožušník, Kurt Lechner, Toine Manders, Gianni Pittella, Mitro Repo, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Matteo Salvini, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Kyriacos Triantaphyllides, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Damien Abad, Cornelis de Jong, Ashley Fox, Constance Le Grip, Pier Antonio Panzeri, Antonyia Parvanova, Sylvana Rapti, Amalia Sartori
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Michael Gahler

13.4.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-futur tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali
(2009/2222(INI))

Rapporteur: Luís Paulo Alves

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Artikolu 3(3) tat-TUE jistipula li l-iżvilupp tal-UE hu bbażat fuq ekonomija soċjali tas-suq, billi l-Artikolu 14 tat-TUE u l-Protokoll 26 tiegħu jagħrfu li s-servizzi ta' interess ġenerali jiffurmaw parti integrali tal-mudell soċjali Ewropew, u li huwa l-kompitu tal-Parlament u l-Kunsill li jiddefinixxu l-prinċipju u l-kundizzjonijiet, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali,
- B. billi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali (SSIĠ), u l-kwalità u l-effiċjenza tagħhom huma essenzjali fil-kisba tal-oġġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u għandhom impatt pożittiv f'termini ta' tkabbir ekonomiku, tal-impjiegi u ta' koeżjoni soċjali u territorjali,
 1. Ifakkar li d-diversità tal-mudelli tal-SSIĠ bejn id-diversi Stati Membri għandha tiġi rrispettata skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà; hu favur it-tixrid u l-iskambju tal-aqwa Prattika minn dawk l-Istati Membri u r-reġjuni bl-iktar esperjenza fl-għoti ta' servizzi fil-qasam tal-SSIĠ, bħala mezz kruċjali għall-iżvilupp tagħhom fil-futur;
 2. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-għoti ta' servizzi soċjali, u jfakkar il-ħtieġa li jitqiesu l-opinjoni tagħhom fid-definizzjoni ta' dawn is-servizzi mill-Istati Membri;
 3. Jitlob lill-Istati Membri biex, partikolarment fi żmien meta è-ċittadini jirrikorru dejjem iktar għall-SSIĠ minħabba l-kriżi ekonomika serja, jiġi żgurati li d-diċentralizzazzjoni tas-

setgħat favur l-awtoritajiet reġjonali jew lokali tkun akkumpanjata minn riżorsi baġitarji suffiċjenti;

4. Jenfasizza li n-natura tal-SSiĠ li hi fundamentalment waħda inklużiva u ta' strutturar tikkontribwixxi b'mod rilevanti, utli u effikaċi għall-iżvilupp tar-reġjuni kollha billi tiffaċilita lill-Istat u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li jwettqu r-rwol tagħhom bl-użu tal-finanzjament pubbliku u privat; iqis hu ta' importanza partikolarment importanti li jinżammu f'reġjuni rurali u vulnerabbli u jenfasizza wkoll ir-rwol kruċjali tal-SSiĠ fil-limitazzjoni tar-riskji ta' segregazzjoni ta' komunitajiet marġinalizzati u fraġli;
5. Jenfasizza li l-SSiĠ jkunu jinkludu l-attivitajiet li mhumiex ekonomiċi li mhumiex soġġetti, bir-raġun, għar-regoli tas-suq intern u li jikkontribwixxu għall-oġettiv tal-koeżjoni territorjali tal-Unjoni Ewropea;
6. Jitlob b'urġenza li l-Kummissjoni tirreaġixxi għall-ħtieġa għal ċertezza legali għall-fornituri u l-organizzaturi tal-SSiĠ fi ħdan il-qafas legali eżistenti billi tisfrutta r-reviżjoni attwali tal-pakkett Monti-Kroes biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet imfasslin b'mod speċifiku għal servizzi soċjali; jitlob lill-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi metodoloġija li tispeċifika kif għandhom jiġu applikati b'mod korrett ir-regoli tal-Unjoni Ewropea;
7. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina l-fattibbiltà ta' kooperazzjoni territorjali rigward l-SSiĠ biex tul iż-żmien jiġu eliminati kwalunkwe ostakolu li jista' jirriżulta mir-regoli ta' finanzjament;
8. Jiddefendi l-implimentazzjoni ta' Qafas Ewropew Volontarju ta' Kwalità għall-SSiĠ;
9. Jemmen li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom jestendu l-applikazzjoni ta' Sħubiji Pubbliċi-Privati għall-qasam tal-SSiĠ sabiex tiżdied l-effiċjenza u d-disponibbiltà tagħhom.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	12.4.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37 -: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Catherine Bearder, Jean-Paul Besset, Victor Boştinaru, Alain Cadec, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Elie Hoarau, Danuta Maria Hübner, Juozas Imbrasas, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Jacek Olgierd Kurski, Petru Constantin Luhan, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Lambert van Nistelrooij, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Karima Delli, Richard Falbr, Marek Henryk Migalski, Elisabeth Schroedter, Patrice Tirolien, Derek Vaughan, Sabine Verheyen

26.4.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTJIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-futur tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali
(2009/2222(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Siiri Oviir

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Driftijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li għejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali jiżvolġu rwol essenzjali fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, fil-protezzjoni tad-driftijiet tal-bniedem u tad-dinjità tal-bniedem, u fil-promozzjoni tal-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà fost il-ġenerazzjonijiet, il-protezzjoni tad-driftijiet tat-tfal, l-ibbilanċjar tal-ħajja privata u professjonali u l-kisba ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u reġjonali,
 - B. billi s-segregazzjoni bejn is-sessi fis-servizzi soċjali, kemm dik settorjali u okkupazzjonali, tħalli impatt negattiv fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-livell tal-pagi u billi x-xogħol domestiku u x-xogħol tal-kura tat-tfal u tal-anzjani mingħajr ħlas fil-parti l-kbira tiegħu jitwettaq min-nisa,
 - C. billi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, u b'mod partikolari l-aċċess għas-servizzi għall-kura tat-tfal, tal-anzjani u ta' dipendenti oħrajn, huma essenzjali biex ikun hemm parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u tal-irġiel fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u t-taħriġ,
 - D. billi l-espansjoni tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali kienet forza qawwija biex tattira aktar nisa jidħlu fis-suq tax-xogħol,
1. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex iżommu d-disponibilità ta' servizzi soċjali li jkunu għall-but ta' kulħadd u ta' kwalità għolja l-istess bħala f'matul perjodi ta' tkabbir ekonomiku

mgħaġġel, u sabiex jiggwarantixxu aċċess mhux diskriminatorju u mingħajr ma jingħata kont ta' razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età, orjentament sesswali jew kundizzjonijiet ta' xogħol; iquis li s-servizzi soċjali huma fundamentali biex tkun żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, peress li flimkien mas-servizzi tas-saħħa u l-faċilitajiet għall-kura tat-tfal, dawn jirrappreżentaw wieħed mill-elementi ewlenin fl-isforzi biex jiżdiedu r-rati ta' impjieġ tan-nisa u tal-ugwaljanza b'mod ġenerali;

2. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali, kif ukoll il-prospetti ekonomiċi tal-ġejjieni, ma jitħallewx jipperikolaw l-iżvilupp tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, peress li dan jista' jkun ta' ħsara għat-tkabbir fir-rati tal-impjieġi u għat-tkabbir ekonomiku fit-tul fl-UE, għaż-żieda tal-kontribuzzjonijiet fiskali, għaż-żieda fir-rata ta' twelid u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
3. Jinnota li l-espansjoni tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali (SGI) kienet forza qawwija biex tattira aktar nisa jidħlu fil-forza tax-xogħol, jirreferi wkoll għall-istħarriġ fuq il-Forza tax-Xogħol tal-2008 li juri li 79% tal-forza tax-xogħol fis-servizzi tas-saħħa tal-bniedem, 81% fis-servizzi ta' kura residenzjali u 83% fl-attivitajiet ta' ħidma soċjali mhux residenzjali, kienu nisa;
4. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu strateġiji ta' assistenza soċjali moderni u proattivi sabiex jiżguraw effettività u effiċjenzi fl-infiq soċjali, filwaqt li jikkunsidraw ukoll prinċipji ta' ugwaljanza bejn is-sessi; jinnota li dawn il-politiki, inkluża l-promozzjoni ta' swieq tax-xogħol inklużivi, il-prevenzjoni u r-riabilitazzjoni, jistgħu jkunu jeħtieġu aktar fondi fil-bidu, iżda għandhom iwasslu għal iffrankar fl-infiq u jtejbu l-kwalità fir-riżultati fuq medda twila ta' żmien;
5. Jitlob, bil-għan li jitfasslu servizzi mmirati, kemm jista' jkun, fuq il-bżonnijiet individwali tal-utenti u biex titjeb il-kwalità tas-servizz, li tingħata aktar attenzjoni għall-bżonn ta' korsijiet ta' taħriġ u ta' tħejjija għall-persuni li jaħdmu ma' gruppi partikolarment vulnerabbli, bħat-tfal, żgħażaġħ problematiċi u anzjani;
6. Jenfasizza l-fatt li huwa essenzjali li jkunu promossi orjentazzjoni aktar b'saħħitha favur l-utent u l-iżvilupp aktar b'saħħtu tal-kapaċitajiet tal-utent, biex titqies il-perspettiva tal-ġeneru u biex jissaħħaħ l-aċċess għad-drittijiet soċjali, partikolarment għal gruppi żvantaġġati, inklużi ommijiet weħidhom, nisa b'diżabilità, nisa vittmi ta' vjolenza tal-ġeneru, nisa immigranti, nisa li jappartjenu għal minoranzi, nisa bi ftit kwalifiki u nisa anzjani, billi dawn il-gruppi huma speċjalment vulnerabbli u jirriskjaw aktar il-faqar, f'kuntest fejn il-ħtieġa tas-servizzi qed issir aktar sofistikata u komplikata; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura u tipproteġi l-aċċess universali għall-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali u tipproponi strateġiji effikaċi fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni multipla;
7. Jirrakkomanda lill-Istati Membri, biex fid-definizzjoni ta' servizzi soċjali ta' interess ġenerali, jikkunsidraw servizzi speċifiċi għall-ġeneru, speċjalment servizzi konsultattivi u soċjali mfassla b'mod partikolari għan-nisa, u servizzi importanti li jikkontribwixxu għall-kwalità tal-ħajja u għall-ugwaljanza tan-nisa, bħal servizzi tas-saħħa, b'mod partikolari servizzi ta' saħħa sesswali u riproduttiva, edukazzjoni u l-kura tal-anzjani;
8. Jitlob lill-Kummissjoni tuża l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs bħala indikatur ta'

valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali;

9. Jinnota li l-kriżi ekonomika u finanzjarja u wkoll il-politiki ta' awsterità imposti mill-Istati Membri, ma għandhomx iħeġġu d-diżinvestiment fl-SSGIs, iżda minflok għandhom jingħataw l-importanza li jistħoqqilhom, peress li dawn is-servizzi jeħtieġu jiġu kkonsolidati aktar biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-nisa;
10. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu valutazzjoni tal-impatt tal-ġeneru għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali differenti u jiżguraw li l-valutazzjoni tal-attivitajiet proposti tal-UE minn perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi ssir proċess regolari u trasparenti b'riżultati li jidhru, u li l-perspettiva tal-ġeneru tiġi inkluża fil-baġit għall-programmi u l-politiki kollha nazzjonali u tal-UE; jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tinkludi fir-rapporti ta' monitoraġġ tagħha l-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
11. Jistieden lill-Istati Membri sabiex fil-politiki mmirati sabiex jiksbu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja, jiżguraw id-disponibilità ta' forom diversifikati ta' servizzi ta' kura tat-tfal li jkunu aċċessibbli, ta' kwalità għolja u bi prezz raġonevoli, kif deskritt fl-oġġettivi ta' Barċellona, u sabiex itejbu l-provvista ta' servizzi ta' kura għall-anzjani u persuni dipendenti bħala pass essenzjali lejn ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa, billi s-servizzi ta' kura tat-tfal mhux biss jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, iżda joffru wkoll opportunitajiet ta' xogħol; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni li tirrikonoxxi l-ħaddiema domestiċi u lil dawk li jipprovdu servizzi ta' kura għall-anzjani u t-tfal mingħajr ħlas, li spiss huma nisa, u li għandhom rwol importanti ħafna għas-sostenibilità tas-sistemi soċjali;
12. Jinnota li minħabba t-tibdil demografiku, is-servizzi ta' kura, tas-saħħa u dawk soċjali b'mod ġenerali jirrappreżentaw settur ta' tkabbir li għandu l-potenzjal li joħloq impjiegi kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel; jistieden lill-Istati Membri jisfruttaw dan il-potenzjal billi jsaħħu s-setturi li huma mħallsa anqas u sottovalutati, li fihom hemm wisq nisa, billi jtejbu l-paġi, l-infrastrutturi u t-taħriġ professjonali;
13. Jistieden lill-Istati Membri jippromovu ftehimiet bejn l-imsieħba soċjali dwar il-politiki ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, u inizjattivi soċjali fil-livell korporattiv u territorjali, b'attenzjoni partikolari għall-miżuri pożittivi meħuda fuq bażi kuntrattwali fis-snin reċenti u l-esperimenti ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew;
14. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jiffaċilitaw l-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali għal nisa fil-bżonn jew li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni u għal nisa li sfaw vittmi ta' vjolenza tal-ġeneru, f'kull ċirkostanza u speċjalment meta dawn ikollhom tfal dipendenti;
15. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu sehem attiv fl-isforzi biex jinkiseb l-oġġettivi ta' tfassil u adożzjoni ta' ġabra ta' regoli miftiehma mis-sieħba soċjali fil-livell tal-UE li għandhom l-għan li jippromovu d-drittijiet fundamentali għal opportunitajiet indaqs u l-estensjoni ta' garanziji legali marbutin mal-ġeneru biex ikopru l-paga u l-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għal miżuri ta' bilanċjar bejn ix-xogħol u l-ħajja, it-taħriġ, l-iżvilupp tal-karriera u s-sikurezza;
16. Jinnota li hu importanti li jiġi salvagwardat l-aċċess tal-aktar nisa vulnerabbli għas-

servizzi ta' taħriġ u ta' impjieg, sabiex tiġi żgurata l-indipendenza finanzjarja u l-inklużjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà;

17. Jinnota l-fatt li sabiex fil-futur jiġu evitati diffikultajiet sabiex jinkisbu impjegati kwalifikati, nuqqas ta' staff u tnaqqis fil-kwalità tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu aktar attenzjoni għall-kwistjoni ta' paga deċenti għall-persuni li jaħdmu fis-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali; jinnota li huma sewwa sew dawn is-setturi fejn fis-snin reċenti, inħolqu l-akbar numru ta' impjegi, b'mod partikolari għannisa;
18. Jinnota l-bżonn li jingħata rikonoxximent akbar lix-xogħol imwettaq minn persuni impjegati fis-settur tas-servizzi soċjali, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, peress li x-xogħol tagħhom hu diffiċli u jitlob attitudni sensitiva u impenn personali qawwi u mhux soċjalment prestiġjuż ħafna;
19. Jistieden lill-Istati Membri jħeġġu – inkluż b'inċentivi fiskali u għajnuna finanzjarja speċifika – forom ta' għajnuna fid-dar u appoġġ għall-anzjani u għall-persuni vulnerabbli, speċjalment in-nisa, u biex inaqqsu l-impatt negattiv fuq l-impjieg ta' qraba, b'mod partikolari nisa, li jieħdu ħsieb membri tal-familja dipendenti.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.4.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Emine Bozkurt, Andrea Češková, Marije Cornelissen, Silvia Costa, Edite Estrela, Ilda Figueiredo, Zita Gurmai, Mary Honeyball, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Constance Le Grip, Barbara Matera, Elisabeth Morin-Chartier, Angelika Niebler, Siiri Oviir, Antonyia Parvanova, Raül Romeva i Rueda, Nicole Sinclaire, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Eva-Britt Svensson, Marc Tarabella, Marina Yannakoudakis, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Izaskun Bilbao Barandica, Anne Delvaux, Christa Klaß, Katarína Neveďalová, Rovana Plumb

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	6.6.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: 8 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Heinz K. Becker, Mara Bizzotto, Philippe Boulland, Milan Cabrnoch, David Casa, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Karima Delli, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Thomas Händel, Marian Harkin, Martin Kastler, Ádám Kósa, Jean Lambert, Patrick Le Hyaric, Veronica Lope Fontagné, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Óry, Rovana Plumb, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Jutta Steinruck
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Raffaele Baldassarre, Françoise Castex, Silvia Costa, Julie Girling, Kinga Göncz, Sergio Gutiérrez Prieto, Richard Howitt, Jelko Kacin, Jan Kozłowski, Gesine Meissner, Antigoni Papadopoulou, Evelyn Regner, Claude Turmes, Cecilia Wikström
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew